# MASTRU PEPP

JEU

# X'JAFU JAGHMLU

# IL FRÈRES

MICTUB MINN

**DUN MANUEL VASSALLO**

MALTA
Stamperìa tal Malta, 16, Strada Zecca, il Belt.

1908.

GCPUL
508576

GUZÈ CASSAR PULLICINO BEQUEST
UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY SERVICES

*Proprietá Letteraria*

ta'

ALF. M. GALEA.

# CHELMTEJN KABEL

---

*Dac l'imbierec ta sur Fons Galea, ma ħallinix quiet; uara li ctibtlu għall "Mogħdija taż-Żmien" ir-*Ragel sa l'ahhar, *riedni inpasparlu xiħaġa oħra ucoll. Ma tistax tgħidlu lè, lil dac ir-ragel, għax jâf jitlob u isûs uara dac li icun... "Basta għall gîd," igħidlec; "għall gîd għamel collox; isa Dun Manuel, ictibli xiħaġa!" U Dun Manuel ħacc rasu; x'jibda jicteb? meta? chif? Aħseb u gîb mîn jaħseb, ftacart li f'żgħoriti smajt storia; ma nafx fejn (seuua igħidu li it-tfâl isorru u jerfgħu: din għall dauc li kuddiem it-tfâl igħidu oollox), rajt li biha nista nagħmel ftit tal gîd; u collu uieħed, għidt, ingibha fil "Mogħdija taż-Żmien"! U haun hi, taħt l'isem ta* Mastru Pepp.

*Issa mîn jâf togħġobcomx? Jecc togħġobcom, atu ħajr l'Alla; jecc lè, għidu li tridu, basta is-sur Fons għandu il* Mastru Pepp.

*It-2 ta Auuissu 1908.*

Dun Manuel.

---

GHAT-TFAL

*igħoddu uisk, u ta mîn itihomlhom f'idejhom*

*biex jitgħallmu xiħaġa*

*"Id-Dinja bil Ħlejja Tagħha"*

*u*

*"F'ix-Xgħari u 'l Baħar"*

*(B'it-tużżana, 2/3—bil uieħed, 3d.)*

I.

## Il glieda.

" Haun hu li sponża ! uasal is-sacranazz, saffar, saffar, għarucasa ! sacra uaħda, minn filgħodu sa filgħaxija, u uliedec bil ġugħ ! Ma tistħix ? Xi tridni nitmagħhom l'uliedec ? "

" Trid issicchet il-lsienec ? "

" Lè, ma irridx insicctu. Jien lilec ma ħadtecx biex tischirli coljum u toktolni bil ġugħ. Seuua kaltli ommi, li ma għandix x'irridec."

" Se 'ddum tredden ? "

" Se 'ddum tischer ? "

" Issa xi trid ? Jecc schirt, ħallast !"

" Ħallast, eh ? minnfloc ma iggib biċċa ħobż l'uliedec, tmur tberbak sa l'inkas ħabba għand tal ħanut... istħi, annimal."

" Tchellem ftit actar bil galbu ma żeugec, jecc jogħġboc."

" Offja għalih ! iridni nitchellem bil galbu ! Uiċċ tost, uara li neħħejna collox mfħabba fìc ; fejn hu id-deheb tiegħi ? sâr imbit ; fejn huma il mobbli u ħuejjiġna ? xrobhom ; ixrob ucoll li strapuntin ta uliedec, ħalli tcun xrobt collox ; istħi, int missier ? int ħan..."

Haun ir-ragel ma ħax pacenzia iżjed, u kabad f'martu. F'dakka uaħda, għajjât, ponnijiet, dagħa, tuerżiek, girien jiġru biex iferkuhom ; fl'aħħar, lil mara għalkuha għandhom, collha imbenġla, u l'ir-ragel ħalleuh uaħdu, sachemm tgħaddilu.

Dic il ġlieda, saret f'uaħda mill cherrejjiet fkâr ta Parigi, fis-sena 1876. Ir-ragel, Mastru Pepp, u Catarin martu, chienu ilhom miżżeugin maduar it-tnax il sena ; chellhom ucoll żeuġt itfal subien.

Din il ġlieda, il girien chienu drauha, għax nistgħu ngħidu ta coljum ; imma, din id-darba chienet ħarxa seuua, għax Catarin u it-tfâl chienu bil ġugħ.

Mastru Pepp, chien jaħdem fil cauba, u għassengħa ma chien jicsru ħadd ; xogħol għall euuel chellu chemm ried, għax galantom u jaħdem tajjeb ; imma, uara xi sena li chien ħa il Catarin, beda jixrob, u grog minn haun u kàtra minn hinn, dara' ixarrabha seuua, u beda jischer; għall euuel, coll nhar ta Ħadd, imbagħd tliet darbiet fil gimgħa, sachemm beda jischer coljum. U ischer illum, ischer għada, in-nies uarbitu, ix-xogħol nakas, u beda il ġugħ u il ġlied.

Inzerta li dan Mastru Pepp chien ħa mara ftit u xejn fuk tagħha, moħħa chif tiżżejjen u tilbes sabieħ, u ħej ! chellha il-lsienha tuil biżżejjed. Biex il biċċa tegħrek iżjed, malli Catarin rât ir-rotta li ħa Peppu tagħha, bedgħedt tgorrlu ; u gorr illum, gorr għada, gorr coljum u coll ħin, ir-ragel nafar, u biex jinchiha rħielha għax-xorb chemm felaħ. Mîn jâf chiecu ħaditu bil chelma it-tajba u bil ħleuua, chienetx iggibu ? Għax, côs ! haun xi bhejjem li iridu il ħerra, u oħrajn iridu iż-żigħeil, u Mastru Pepp chien uieħed minn daun, li jiħrax jecc tnigghiżhom.

Issa, nistħajjilcom taħsbu, chif chienu tilgħin dauc iż-żeuġt itfâl. Zocc tal figel tuil tuil; bil ġlied ta missierhom u ommhom kuddiem għajnejhom, u uidnejhom iżarżru bid-dagħa u 'l cliem ħażin tagħhom. Ankas biss ma chienu jafu iroddu is-salib; u x'salib? jecc nieshom, mfħabba il ġlied u is-socor, chienu telku collox, ula cnisja, ula krâr, ula precett, xejn. Eh! it-tfâl chif jarau jagħmlu; u imorru il cnisja u igħixu ta insara, jecc jarau l'ommhom u il missierhom seuua; inclelè, x'tistenna minnhom?

Ma ngħidx li coll tant Mastru Pepp ma chienx jidħol fih in-nifsu u iżomm xi gimgħa jeu tnejn; imma, malli martu chienet tibda tgorlu xi ftit, erħilu għall brandy. Maltemp u bnazzi, u actarx maltemp.

Imsejcnin tfâl!

---

## II.

## Chelma tajba.

L'għada tal ġlieda li semmejna, mastru Pepp stembaħ dakxejn cmieni, u mingħajr ma chellem il ħadd, ħareġ minn camartu, fejn sejjer ma jafx. Kalbu dejka seuua, u xi dbengila fuk uiċċu chellu ucoll.

Hu u nieżel it-taraġ, Pietru il ħaddied, chien gejj mill kuddies, u sejjer jarma għax-xogħol.

" X'hemm, mastru Pepp? " kallu dan, " chif chien da 'l għodu? "

" Xi trid tagħmel," uiegeb l'ieħor, " ma stajtx norkod da 'l-lejl."

" Ismagħ chelma, mastru Pepp, la iltkajna haun; m'aħniex sejjrin seuua għandna incunu, hux? "

" U chif tista tmur seuua, meta icolloc martec mingħula ? ma nafx fejn nibda nati rasi, illum jeu għada sgur li nakbeż minn fuk xi sûr."

" Tisħonx, u taktax kalbec. In-nisa ma tridx tieħu għalihom ; huma jeħdu pacenzia bina, u aħna bihom. Tuaħħalx collox f'martec."

" Għandec tcun il marti ma tafhiex seuua, chiecu ma tgħidx hecc, għandha kalb... tâf li il-bieraħ sa bil ponn tâtni fuk uicci ? "

" Mîn beda, Pepp ? "

" Jien ! u... iva... imma hi scumnicata."

" Ħu pacenzia, Pepp, ismagħ minni. Jecc tieħu pacenzia, martec ticcuieta; xi drabi aħna inħassruhom in-nisa, b'in-nervi tagħna."

" Seuua kiegħed tgħid; imma ara, gejt fiha, u tajtha għax-xorb mfħabba fiha ; issa ktajt kalbi, Piet, uliedi ma jisimgħu minni xejn, il cbir għandu għaxar snîn, u l'ieħor tmienja, it-tnejn bla ħila, inħossni..."

" Ħabib, jecc it-tfâl tilgħin ħżiena u diżutli, ħtija tagħhom ? għax ma tibagħthomx l'iscola ? "

" U, mela, dauc tajbin għall iscola ? u mbagħd mnejn tridni inħallsilhom ? "

" Għax ma iddaħħalhomx għand il Frères ? daun iżommuhomloc b'xejn ; tâf chemm jinkalgħu għat-tfâl ! Il Marì tal ħaxix tafha, tâf x'tifel għandha, jati fastidiu ix-xemx għaddejja, dejjem jiggieled, jitgħajjar, iħabbatha. Minn mindu daħħlitu għand il Frères, tbiddel u sâr ġuejjed daks ħaruf."

" Imma uliedi..."

" Lè, ismagħ minni, dauc il Frères jafu seuua chif ibiddluhom, u jecc tâf chemm ħarġu minn taħt idejjhom irgiel, li kabel chienu tfâl ċmajra u li ma contx

tħallas ħabba għalihom! Tiegħec ucoll, jecc tibagħthom għandhom, joħorġu seuua."

" Nisma' minnec, Piet; chiecu dejjem smajt minnec, ma contx nigi filli gejt."

" Pepp, jien sejjer għax-xogħol, għamel li għidtlec, u jecc Alla irid, nerġgħu niltakgħu."

Meta Pietru telak, mastru Pepp ma bakax kalbu seuda chif chien, u uaħħal f'rasu li dac inhar jaħdem u ma jixrobx. Chellu xi xogħol mibdi, mitluk mfħabba il ġlied u is-socor, raġa kabdu u beda jaħdem chemm chellu ħila. Uara xi sagħtejn xogħol, kabad xi ħaġa li chien lesta u telak il barra.

Martu, uara dac li ġralha haun il-lejl, meta ratu ħiereġ, ħasbet li sejjer il ħanut jissacar. It-tfâl, meta rau il missierhom barra, bedgħu ineuuħu, iridu il ħobż. L'imsejcna Catarin, meta rât li ankas lokma jiebsa ma fadlilha, tilfet rasha, u minn f'loc ma tât il ħtija xi ftit lilha, infexxet tisħet il ġurnata li lakkegħtha ma Peppu, tixher u tuerżak u tħabbat rasha mal ħajt. Imma chif bakgħet, meta, uara ftit, lemħet il żeugħa dieħel id-dâr b'żeuġ ħobżjiet? F'chemm îli ngħidlec, it-tfâl belgħu collox: chienu ilhom bil ġùgħ, imsejcnin!

Meta chielu, mastru Pepp, mingħajr cliem xejn, kabdilhom f'îdhom, u ħareġ magħhom il barra.

## III.

## Fra Giusepp.

Catarin, hecc chif rât il żeugha ħiereġ il barra ma uliedu, libset u ħarget hi ucoll, u marret urajh bil kajla kajla, biex tara fejn chien sejjer bit-tfâl. Collox ħasbet, barra milli żeugha chien sejjer jibda tasseu ħajja tajba. U chif satagħ igħaddîlha dal ħsieb minn rasha ?

Għalhecc, meta lemħitu iħabbat il bieb ta l'iscola tal Frères, stagħġbet m'hux ftit. U billi ma rieditx li żeugha jinduna li chienet kiegħda tgħassislu, malli rât fejn daħlu it-tfâl, dauuret denbha għad-dâr u għaġġlet biex tidħol kàblu, taparsi ma ħarget xejn, li ma tmurx tiddobba minn għandu xi tumacca bħall ta haun il-lejl.

Uara ftit, giè u kàbad jaħdem bla cliem u sliem ; riedet chiecu tistaksih fejn mâr, x'għamel u x'nâf jien; imma, billi hu ma chien chellemha xejn, ankas hi ma 'ssugrat tchellmu.

Hecc għaddeu bosta ġranet f'din il ħajja bla cliem u bla ġlied ; ir-ragel jaħdem u ma jischirx u hi tilħak mad-dâr.

It-tfâl, dac inhar stess li missierhom ħadhom għand il Frères, żammeuhom, u minn dac inhar bedgħu coll filgħodu imorru l'iscola.

Daun iż-żeuġt aħua, Ciccu u Manueli, ma chienux għadhom imħassrin sa barra; imma, chif katt setgħu jitilgħu tajbin, jecc kuddiem għainejhom ma chellhomx ħlief l'imgiba ħażina ta nieshom ? Chienu, jaħasra, ikumu u jorkdu kalb il ġlied ta missierhom u

ommhom, jisimgħuhom jitchellmu ħażin, jitgħajjru, jidgħu, jisħtu lil xulxin, coljum, dejjem. Ma chienux jafu b'Alla ħlief biex jidgħu bih bħall missierhom, bħall ommhom, u għalhecc la chienu iħobbu l'Alla u ankas il nieshom. Minn nieshom chienu jibżgħu għax jeu idokkulhom bla ħniena jeu iħalluhom bil ġugħ. Meta, imma, bdeu imorru l'iscola tal Frères, u rau li chienu maħbubin, ħasseu gibda cbira lejn is-surmastru tagħhom Fra Ġusepp, u ħabbeuh tasseu.

U chien ta mîn iħobbu il Fra Ġusepp, għall pacenzia tiegħu li chien îlu jieħu mat-tfâl maduar il ħamsa u għoxrin sena. Mîn jâf x'jigifieri tfâl, l'actar jecc jinzertau tal katgħa ta Ciccu u Manueli, jista igħid chemm jaħtieġlu ibati mîn jieħu ħsiebhom. U xejn taħsbu li dan Fra Ġusepp daħal mal Frères għax rasu ma 'ttihx, jeu għax ma chien tajeb għall xejn ; lè, chellu moħħu tajeb seuua, chien jinkala' għall collox, bħall ma huma, nistgħu ngħidu, il Frères collha, tant, li chiecu minfloc ma inħeba mal Frères, baka' f'id-dinja, sgur li chien jibka jissemma; imma, hu għażel jaħli għerfu u ħiltu mat-tfâl biex irabbihom fil biża t'Alla, u għalhecc talab jidħol ma ulied San Ġuann Battista de la Salle, fundatur tal Frères u ta l'ischejjel tagħhom. U dan il fratell (il Frères bejniethom jissejjħu fratelli, jigifieri aħua) hecc chif beda jaħdem għall gîd tat-tfâl fokra, hecc baka' dejjem, u la it-taħbit ma chien ibeżżgħu u ankas l'azionijiet ħżiena ma chienu jaktgħulu kalbu. Xi drabi chien icollu tfâl li ihennulec kalbec, moħħom tajeb u jarfa, u kalbhom tal caramelli ; imma, bosta drabi chellu iħabbat rasu ma tfâl increpattivi, inchejjusi, psatas, rashom jiebsa u kalbhom ħażina ucoll ; imma, hu dejjem ħelu, dejjem

daħcani ; sa fl'aħħar, jecc m'hux ilcoll, imma il biċċa il cbira chien ibiddilhom li ma tagħrafhomx.

Malli mastru Pepp ħâdlu kuddiemu l'uliedu, Fra Ġusepp, mad-dakka ta għajn li tahom induna minnufih x'marella imħabbla u imgħakkda chienet dic ; ma katax kalbu, feraħ bihom, daħħalhom geuua u beda idur magħhom minn dac inhar, biex jara isibx ircabtu tal marella u iħollha. U billi, bħalma għidna, daun iż-żeuġt itfâl ma chienux għadhom imħassrin minn geuua u moħħom ankas chien ħażin, ma damux ma bedgħu ifarfru il ġuienaħ ġmielhom, u f'kasir żmien tgħallmu jakrau.

Ma ngħidilcomx chemm feraħ Fra Ġusepp, meta rahom mexjin hecc tajeb. F'kasir żmien, il cbir fosthom, Ciccu, chien jâf ħafna tagħlim tad-dutrina. Seuua igħidu : chelma tgħarrak u chelma issalva.

Hecc għaddeu sitt xhur. Mastru Pepp mehdi f'ix-xogħol, nesa ix-xorb, jaħdem u igîb id-dâr. Imma, ix-xitan ma ħamilx u raġa gherfex collox. Din id-darba, imma, il ħtija chienet ta Catarin. Arau :

Mela, billi ir-ragel, bħall ma għidna, beda jaħdem u ma jidħolx fi ħuienet, ma damx ma uarrab xiħaġa żgħira, u għalhecc darba uaħda ried b'dac li faddal jixtri xi biċċa għodda għas-sengħa tiegħu. Meta il mara indunat, billi moħħa f'iż-żagarelli u 'l ħmerijiet, rieditu chiecu b'dauc il flûs jifdîlha xi deheb li chella il monti. Ir-ragel kal lè; il mara bedgħet tgorr; lilu telgħulu, lil Catrin ucoll, l'euuel bdeu biex imieru lil xulxin, imbagħd jitgħajjru, biex sa fl'aħħar iggieldu bl'icrah.

Uara li tau u tgħajjru chemm felħu, mastru Pepp kâbad il flûs li chien uarrab, u minfloc li xtara il

għodda, mar għand tal ħanut u xorob u sicher sàcra li patta għall chemm chien îlu bil għaċċ. Minn dac inhar reġgħet bdiet il cantaliena: Peppu jischer u kiegħed, il mara tgorr u tiggieled.

Eh! in-nisa, chiecu ma iriduhiex tgħaddi dejjem tagħhom, chemm jaħbtu aħjar! Imma mur fehimhom: titlef il kâleb u 'l ġbejna! Issa, x'ħadet Catarin? ma chienx sejjer ġmielu Peppu tagħha? Mn'Alla li lejla uaħda Peppu raġa iltaka' ma Pietru il ħaddied, li chien fil bitħa jitħaddet ma Marì tal ħaxix.

---

## IV.

## Li scola tal Frères.

"X'hemm, Pepp," staksieh Pietru malli rah, "chif inhuma sejjrin it-tfâl mal Frères."

"Tajjeb uisk, u ma nafx chif nibda inħallsec! Tâf li ma tagħrafhomx iżjed?"

"Seuua seu," kabżet Marì, bħall Chelinu tiegħi, "fejn tâf x'chien fih, chiecu katt chien iħallini mument sàbar; xi tgħid, żeugi għadu ħajj? ma contx nista insiblu tarfu; minn mindu imma daħħaltu għand il Frères, tgħakkal li jatic gost; ma tafx chemm beda jakra u jicteb, jisma minni f'collox, fejn dari... Is-Sibt li għadda giè ferħan ferħan jurini il midalja li tauh."

"Tiegħi għâdhom ma kalgħux midalji," issocta Peppu; "imma mixjin il kuddiem seuua; Ciccu imbagħd, il cbir tiegħi, sgur jirnexxili, għax irzitta seuua, u l'ieħor ucoll; imma dac għâdu żgħir."

"Rajt chif seuua għidtlec dac inhar? chiecu ma smajtx minni, ma contx tista titgħaxxak b'uliedec."

"U billi it-tfâl imorru l'iscola, Piet, u kegħdin igibu ruħħom tajjeb, taħseb int li kalbi m'ihiex seuda?"

"U m'hux colħadd għandu is-salib tiegħu?"

"Iva... imma tiegħi tkîl uisk; ma niflaħx għalih. Dic il mingħula ta marti, gennitni, tilfitli rasi."

"Taktax kalbec, mastru Pepp, mîn jakta kalbu, m'hux ragel! Tara, int, chif għâd tidbiddel."

"Lè, Piet, dic ma tidbiddilx; dic tâf chif għâd tispiċċa? Jeu naktgħilha rasha, jeu ittemmni bil għali."

"U ħallic minn dan; int għax takta kalbec? uara il maltemp stenna il bnazzi. Ejja nagħmlu żeuġ passi flimchien."

"Saħħa, Marì!"

"Saħħa għalicom!"

Minn mindu mastru Pepp kabad jagħmilha ma Pietru il ħaddied, ma bakax chif chien, dejjem bil buri u imdejjak; u billi it-tfâl ucoll dejjem issuctau igibu ruħhom tajjeb, u fid-dâr jinġabru cmieni u ma jiggildux, beda coltant jidħol fih in-nifsu; għax, għall chemm chien taha għall isdingar, ħażina sa barra kalbu ma chellux. U m'hux l'euuel darba kabżulu id-dmugħ minn għainejh, meta chien jara f'liema sura giè imħabba ix-xorb, u li la hu, la martu u inkas uliedu, ma chellhom bosta drabi x'jieclu. Il fakar u il ġugħ chienu jierġgħu iġagħluh għax-xogħol; imma, ma l'euuel għauġ, arah jitlak collox u imur għand tal ħanut. Il għaliex dan? Għax f'dic id-dâr chienet tonkos l'aħjar u l'akua ħaġa—il biża t'Alla. Dan hu li iżommoc.

Mastru Pepp u Catarin, għall chemm insara, chienu ilhom ma jirfsu il cnisja ma nafx chemm; la kuddies, la precett, la talb, xejn; nistgħu ngħidu li ma chel-

lhomx Religion. U din biss tista tkauuilec kalbec; mita is-slaleb iżurûc, hi biss tista tnissel il paci, għax bniedem minn għajr Religion, kiesu bastiment minn għajr tmun, jeu uieħed marid mitluk minn colħadd.

Għidna kabel, chif ulied mastru Pepp chienu daħlu għand il Frères u li bdeu ucoll igibu ruħhom tajjeb ħafna; għalhecc Fra Ġusepp beda biex ikanklilhom ftit kalbhom u iġagħalhom iħobbu l'Alla, iħobbu l'ommhom u 'l missierhom, icunu tfâl tajba, u jaħarbu id-dnub. U ma chienx jagħżak fl'ilma, għax ma għaddiex uisk li daun it-tnejn laħku il sħabhom ucoll; l'actar il cbir, li chellu moħħu jarfa m'hux ħażin. Erħilhom filgħaxija, malli jisculau, imorru dritt dritt id-dâr igħaddu il-lezzioni, mbagħd jinxteħtu kuddiem salib, li chienu kalgħu minn għand Fra Ġusepp, jitolbu. Dic ħrara, dac prapost, dic ġabra; chien fihom għaxka.

" Uliedi; " darba kalilhom Fra Ġusepp, "jecc tridu li Alla ibierec lilcom u 'l niescom, kiesu li ma tħallu katt it-talb ta filgħodu u ta filgħaxija u kîsu li tgħiduh bil kalb, tafux ? "

U huma semgħu minnu, għax minn mindu tgħallmu jitolbu, katt ma ħalleu did-drauua hecc sabiħa.

Għall euuel, mastru Pepp, billi chellu moħħu mimli bil ħmerijiet, chemm chemm ma riedx jidħac bihom, u Catarin ucoll, għax, bħall ma għidna, katt ma chienu jitolbu, u chien jidhrilhom li minn għajr Religion, il bniedem jista icun cuntent; iva, chiecu il bniedem chien annimal......... imma, imbagħd drau hecc, li chienu jokogħdu iħarsu lejhom u jitgħaxxku bihom jarauhom fil ġàbra jitolbu l'Alla għalihom.

Mela darba, uakt li dauu iż-żeuġt aħua chienu

kegħdin uħudhom għarcubtejhom igħidu l'użariu, ma nafx chif ommhom meriet il żeuġha, u, hejj, kamet ġlieda bil chif.

Mastru Pepp dac inhar ma chienx fis-sàcra; għalhecc, meta telgħulu seuua, kabad f'martu u beda jatiha bla ħniena. It-tfâl, malli rau il missierhom collu imbergħen u l'ommhom taħt idejh, tueruuru; iż-żgħirmâr staħba f'camartu jibchi, il cbir inxteħet kuddiem missieru, u:

" Pà," kallu, " ħalliha, jaħasra, l'ommi! Għax ma ticcuietax u tmur titlob l'Alla? Naħseb li għax ma titolbux, għalhecc katt ma tiftiehmu u dejjem għandcom xi tgħidu."

Mastru Pepp, f'dic is-saħna, jakbad f'ibnu u jimbuttah b'herra hecc cbira, li uakkgħu u ueġġgħu. F'dakka uaħda intebaħ b'chefritu, rà li ma mexiex seuua, ta' dakka fuk moħħu, ħareġ il barra u ħalla l'ibnu jibchi u il mara collha imkanfda u imbenġla.

Dac inhar, imma, ma marx jixrob, telkilha ankas jâf fejn, ħsiebu f'ibnu, li ma chien għamillu xejn, u li chien fl'iscola u f'id-dâr kiegħed igîb ruħu hecc tajeb, u hu chellu il ħîla jaħkru lil ibnu...

" Eh," beda igħid uaħdu, " chiecu f'żogħriti chelli mîn jieħu ħsiebi u irabbini seuua, ma contx nasal fejn uasalt; chien icun aħjar għalija. Ara, għax il Frères ħadu ħsieb uliedi, chif tbiddlu, u jien chelli il ħîla lil Ciccu tiegħi inuaddbu ma l'art! Chiefer li jien; lè, lè, m'hix ħajja din tiegħi, ma jistax icun li nibka hecc!"

## V.

## X'taghmel l'imgieba it-tajba.

Minn dac inhar tal ġlieda, li fiha rajna il mastru Pepp jinfexx f'ibnu u ixejjru ma l'art, għaddeu tliet xhur sħaħ, li fihom Ciccu u Manueli bedgħu juru ictar seuua li għand il Frères ma chienux kegħdin għalxejn. Jakrau ġmielhom, jictbu sabieħ u bla żball, attenti; il cbir, mbagħd, beda jitgħallem ucoll xiħaġa tad-disinn, biex il kuddiem ictar jista jilħak seuua fis-sengħa.

F'daun it-tliet xhur, il missier la xorob iżjed, u ankas iggieled, moħħu biss f'uliedu, ifittex li jitgħallmu dejjem iżjed ; u għalhecc, m'hux l'euuel darba li staksihom xi tgħallmu l'iscola, u xi ġrajja semgħu tar-Religion. Hecc, bil ftit il ftit, chien kiegħed jiftaħ għainejh dejjem iżjed, u dejjem iżjed jara bid-dieher chemm ir-Religion tisua.

" Missier, " kallu darba il cbir, " tâf x'kalilna Fra Ġusepp ? Li jecc aħna irridu incunu ħenjin f'did-dinja, għandna nisimgħu mn'Alla u mill Cnisja omm-na. Għandna inħobbu l'Alla u natuħ il kîma tagħna, għandna nitolbuh bil kalb, ma għandniex insemmuh fil batal u ankas nidgħu bih ; ma għandniex naħdmu fil Ħdud u fil btajjel, daun il ġranet għandna ingħadduhom fil cnisja, fit-talb, fil mistriħ u fil ġabra, għaliex aħna insara."

Hecc kallu darba ibnu, u 'l missier kagħad itiegħem u jixtâr da 'l cliem.

" Mela, " kâl bejnu u bejn ruħu, " għalhecc jien dejjem kalbi seuda u bil buri, għax nidgħi, nischer, ma 'mmurx cnisja, u naħdem fil Ħdud. Seuua kalli

ibni! Minn mindu uliedi daħlu għand il Frères, chiecu katt igemgmu, chiecu katt tisma ħosshom, għâd li mfħabba fija laħku rakdu bil ġugħ."

Daun chienu il ħsebijiet li għaddeulu minn moħħu dac inhar, u ma għaddeulux għalxejn. U filgħaxija, meta uliedu inġabru għalihom, igħidu l'użariu, resak ħdejjhom hu ucoll, biex jitgħallem jitlob bħalhom; u uara li chielu u marru biex jorkdu, mastru Pepp, dic il-lejla, kabel ma daħal fis-sodda, radd is-salib. Chien îlu jorkod u ikum minngħajr salib! Hecc da'l missier, rifes fuk l'euuel tarġa tat-tiubija, u din ma chienitx ħaġa żgħira għalih, billi dejjem għâx ta annimal.

Kiegħed jigini ħsieb.

Jecc dan li kiegħed ingħid fuk mastru Pepp, katt jircabta f'idejn xi missier jeu omm, jien nitlobhom bil ħerka collha, li jieħdu ħsieb uliedhom, irabbuhom fil biża t'Alla, jibżgħu għalihom, jeħduhom magħhom il cnisja għall krâr u it-tkarbin, u għall kuddies, ikisulhom il passi tagħhom, jarau ma mîn jagħmluha, x'cotba jakrau; għax dan hu id-dmir ta mîn għandu l'ulied, dmir cbir, li jecc jonksu minnu, Alla l'imbierec għâd jistaksihom il għaliex.

Jecc daun il misserijiet ma jistgħux jagħmlu dan collu ma uliedhom, għaliex, jecc jistgħu, ma idaħħluhomx f'xi istitut? Għandna ħafna fostna, u għall colħadd: għas-sinjuri, għall fokra, għall iltiema, bniet u subien, fejn mal biża t'Alla, uieħed jista jitgħallem chif igîb ruħu man-nies, u chif bix-xogħol ta idejh, u bil ħîla ta moħħu, jakla għall ħajja.

Ma nafx il għala, x'uħud, it-tfâl jitîlkuhom f'idejn il barranin, għax il mamà għandha ir-*reception* u il

papà l'*at home* u it-tnejn it-tïatru u l'għada il ballu... Eh, chemm għâd jibcuhom ir-*receptions*, l'*at homes*, u it-tïatri u il ballijiet, meta uliedhom, imrobbijin ħażin, iduru għalihom u jaksmulhom kalbhom b'azzionijithom. U dan għas-sinjuri ; u għall fkâr ? Il fkâr ucoll, għalavvolja ma għandhomx il *modi*, għandhom ħuejjieġ oħra, li jisiltulec id-dmugħ minn għainejc !

Biex it-tifel igib xiħaġa id-dâr, malli iħoll sakajh mill fiskija, jibagħtuhulec jiggiera mat-triekat b'caxxun imdendel ma għonku ibiegħ is-sulfarini jeu bi xcupilja jibblacca, jeu is-sûk jarfa, basta igib xi ħaġa. Mîn jâf chemm tfâl tħassru hecc ! mîn jâf chemm tfâl ħarġu filgħodu minn dâr ommhom safjin bħall anġli biex filgħaxija jidħlulec b'ruħhom imtebbgħa !

Jien ma nafx chif daun l'ommijiet jeu misserijiet li jagħmlu hecc ma uliedhom, jistgħu jokogħdu b'sabarhom ; din imħabba li iħobbuhom l'uliedhom ? Jien se'r 'ntauual, hux ? Ħalluni ingħid collox, għax jien nâf chemm għelejt imfħabba il għakal ta xi ommijiet, meta chelli fi ħsiebi l'Istitut ta Bonnici ; jeu uara li icunu tħâbtu daun l'ommijiet u xi missier ucoll biex idaħħlu it-tifel f'xi istitut, uara li icunu bcheulec, u xi drabi ghidbulec ucoll chemm felħu, jeu raħħmulec u għamlulec kalbec żgħira, għax jaħasra fkâr, għax ankas biss għandhom biex jitrejku, għax hecc, u sebaħ u dalam ; uara li tcun ktajtilhom xeukithom, u daħħaltilhom l'uliedhom, fl'aħjar joħorġuhomloc ! Iva ; dan ġara lili, bħall ma ġara lil ta kàbli, lil Dun Frangisc Bonnici, li ħakku statua tar-rħam il Mall għall gîd li għamel lil pajjiżu u għat-tiubija u 'l għerf

ta ħajtu *—u forsi bħall ma kiegħed jiġri lil ta urajja; iva, idaħħlulec it-tifel ta tminn snîn, għax ma jâf jagħmel xejn, biex inakksu buccun, biex jiffrancau bicċa ħuejjeġ ; u mita dan it-tifel jibda jâf igebbed il gilda bi snienu, u jidhrilhom li jista jakla sold coljum, huma stess joħorġuhulec mill post, huma stess ixebbgħuh, jecc ma igħidulux chif għandu jagħmel biex jaħrab. Hecc m'hux seuua, għax it-tifel ma icun għadu tgħallem xejn, icun kiegħed jibda, u mita jarġa isîb ruħu imxejjer mat-triekat, jitlef colma tgħallem, u jitħassar f'kasir żmien.

Ġbidt fit-tul, hux ? Halli nerġgħu issa niltakgħu ma mastru Pepp u martu Catarin.

Din, billi bħall ma għidna, chellha moħħa fil *modi* u iż-żagarelli, chienet għadha ma tiebet xejn, dejjem bic-ciera u mgħaddba ma żeugħha. Ma dan collu, ma damitx ma indunat, li uliedha, minn mindu daħlu għand il Frères, saru hecc tajba, li bi tiubithom, sueu ħafna biex jonkos il ġlied ta coljum ta bejnha u bejn żeugħha.

---

* Dun Frangisc Bonnici, Canoncu tal Cadidral, Professur tat-Teologia fl'Università tagħna, dan chien l'euuel uieħed li beda jiġbor it-tfâl fkâr u ltiema biex igħallimhom il biża t'Alla u is-snajja. L'istitut tiegħu semmeuh id-"*Dâr ta San Ġusepp*"—imma, innies għadha tgħidlu "*Ta Bonnici.*" Għall dan l'istitut ħela ħuejjġu, saħtu, u miet fkîr lejliet il Milied tas-sena 1905. Din l'isbaħ tifħira li nistgħu natuh.

Illum, id-"*Dâr ta San Ġusepp*" jagħmel minnha Dun Ġorġ Bugeja ; u għandu miegħu ħames *Frères*. Mîn jista igħid chemm gîd isir fiha id-*Dâr ta San Ġusepp !*

U Alla l'imbierec, chien kiegħed jinkeda' b'daun it-tfâl, biex ibiddel ħajjiet missierhom u ommhom.

Il Frères, immela, bil pacenzia u is-sagrificci tagħhom, u bil għerf ta moħħom, chienu m'hux biss kegħdin jagħmlu gîd ma Ciccu u Manueli, imma ma nieshom ucoll; għax daun, bħall ma narau il kuddiem, imfħabba it-tiubija ta uliedhom, reġgħu resku lejn il cnisja u tgħallmu iħobbu l'Alla.

Ciccu, billi chellu moħħu jilħaklu ħafna, erħilu iġorr lejn id-dâr, chemm premijiet, midalji u cotba mill aħjar chien icun hemm; u m'hux darba u tnejn li mastru Pepp ħa f'idejh daun il cotba u krahom b'gîd cbir ta ruħu.

Darba uaħda, Ciccu kala' ctieb icbar minn tas-soltu, mar jurieh collu ferħan lil missieru, u tahulu biex jakrah.

Ma hemmx bżonn ngħidilcom li da 'l ctieb chien jitħaddet fuk it-trobbija ta l'ulied; u mastru Pepp kara fih fuk chif dauc il misserijiet u l'ommijiet li irabbu seuua l'uliedhom, f'did-dinja icunu cuntenti, għax uliedhom jitgħallmu iħobbuhom u jitolbu għalihom, hecc ucoll dauc li ma jieħdux ħsiebhom seuua u li bl'imgiba ħażina tagħhom kuddiemhom iħassruhom u irażżnuhom, jiġbdu is-saħta fuk darhom, u minn uliedhom stess ma jakilgħux ħlief azzionijit ħżiena. Dan kara' mastru Pepp, fil ctieb ta ibnu.

"Dan," kâl bejnu u bejn ruħu, "dan chien jaka' fuki li ma smajtx minn Pietru il ħaddied. Dauc il Frères kiegħdin minn f'lochi jiħdu ħsieb uliedi, u jien, bl'imgiba ħażina tiegħi, kiegħed inħott colma huma kiegħdin jibnu bis-sabar u 'd-duejjak tagħhom. Għax

ma nibdiex, mela, jien ucoll ingib ruħi tajjeb kuddiem uliedi ? "

Hecc kâl, u balleġ ! beda biex l'għada filgħaxija (chien il Ħadd) mar il cnisja.

---

VI.

**Fil cnisja.**

Chien îlu ġmielu ma jidħol fi cnisja mastru Pepp ! Għal hecc, malli rifes mill għadba il geuua, ħass bħall tchexchixa bard li ġrietlu ma gismu collu. Daħal u baka' scantat mita ra it-tfâl collha tal Frères f'żeuġ fillieri minn naħħa il uaħda u l'oħra, bil prapost collu, għarcubtejhom, jitolbu. Billi in-nofs tal cnisja chien battâl, mastru Pepp baka' tiela il fuk, sellem lil Fra Ġusepp, u mar jokgħod ħada' ibnu Ciccu, li chien collu miġbur jitlob, uiċċu f'idejh.

Uara ftit, colħadd bil kiegħda, u telgħet il prietca.

Ma contx tisma ħoss, ħemda liema bħala għalavvolja chien hemm mal mija u ħamsin tifel. Dac cuiet, dic ġabra, dac prapost ! u chiecu xi ħadd iħares l'ura ?

Mastru Pepp, meta ra il kassis tiela jipprietca, giè x'kallu: "Oħroġ il barra! ma tarax li sejjer irakkdec ?" mur ara sħabec x'igħidu, meta jisimgħu li mastru Pepp mar il cnisja għall prietca ; u ħuejjeġ oħra bħall daun. Chien dac li ma għandux x'jagħmel, mifni ġo fih, għax mastru Pepp żelaklu mn'îdu ; imma dan, il cnisja chien, u 'l cnisja baka'; tafa' dakka ta għajn fuk ibnu, rah jitlob, ictarx chien kiegħed jitlob għalih, kabżitlu demgħa minn għainejh, chienet demgħa ta indiema, ta sogħba, u ħass kalbu titbiddel u bħalchie-

cu jituieled mill ġdîd. Chienet il maħfra li niżlet fuku għat-talb ta uliedu.

Meta tât il barca, ħareġ jistenna it-tfâl fil bieb. Daun, malli rauh, iddendlu miegħu, u :

"Pà," kalulu, "ommna fejnha? ma gietx miegħec !"

Dil mistoksija ħauuditu ftit, għax faccritu fil bluhat ta martu ; ma chellux il ħîla iuiegeb l'uliedu, ħlief b'rasu biss ; kabdilhom f'idejhom u telkulha flimchien lejn id-dâr.

Dic il-lejla għaddiha jakra fil cotba ta uliedu, u mâr jorkod b'ix-xeuka li ma idumx ma jisbaħ l'għada biex jagħmel dac li ħaseb, jigifieri krara seuua ! Uara l'ichel, meta colħadd daħal biex jorkod, mastru Pepp ma marx fis-sodda, kabel ma talab ħafna ; u ferħan bil ħsieb li jibda ħajja ġdida, rakad il-lejl collu, u katt bħall dac il-lejl.

L'għada fil għodu, uara li uassal l'uliedu l'iscola, staksa għall Fra Ġusepp. Ma damx ma giè dan; u mastru Pepp, malli rah, mar fuku u bid-dmugħ f'għainejh kallu :

" Jien ma nafx biex nibda inħallsec għall gîd li għamilt l'uliedi : chienu ħżiena u tjiebu, chienu ħorox u traddbu. "

" Uliedec," uieġbu Fra Ġusepp, " għandhom kalbhom tajba ħafna; chiecu bakgħu barra, chienu jitħassru; tâf chemm nizzîħajr l'Alla li ried jinkeda bina, biex jagħmel gîd l'uliedec."

" U jien ucoll nizzîħajr lilu, minn mindu jisbaħ sa ma jidlam, u lilcom ucoll, u nixtiek li coll mîn għandu tfâl 'mtajjrin, jibagħthom għandcom. Fra Ġusepp, int għadec ma tafx chemm hu cbir il gîd li għamiltu, għax ma uliedi ġbartu lili ucoll. Jien, l'actar li gejt

haun biex tgħidli x'għandi nagħmel, għax marrîdx incun ta għajb l'uliedi, irrid nibda ħajja ta nisrani. Nixtiek nagħmel krara seuua ; tridx tkararni int ? "

" Mastru Pepp, aħna m'aħniex kassisin, u għalhecc ma nħarrux. [San Ġuann Battista de la Salle, fundatur tagħna, katt ma ried li uliedu ikaddsu, biex ictar icollhom żmien jieħdu ħsieb it-tfâl ; ma dan collu, għandi kassis f'idejja igħodd għalic uisk: staksi għall Dun Anton, jokgħod ftit il bgħid mill cnisja ; mur għandu u ma jibdilecx."

" Hecc nagħmel... u għadirni, tafx, għaliex jien ma nafx ingib ruħi seuua. Sejjer ; itlob għalija."

" Mur ; Alla l'imbierec iżommoc f'dil feħma tajba. "

Dun Anton, chien imsemmi uisk għall gîd li chien jagħmel u għall grottli li chien jakbad. Ma nafx x'chellu, coll mîn chien irid jirranġa l'affarijiet ta ruħu, erħilu għall għandu, u l'euuel darba ma chienetx tcun l'aħħar. Il ġurnata collha chemm hi tuila, issa jipprietca, issa ikarar, issa jiġri minn hemm u minn haun ifittex xi nagħġa maħruba u mitlufa. Chien jidħol collimchien, basta jagħmel gîd, u colħadd chien iħobbu. Mîn jâf chemm seuua praspar, chemm xebbjiet ħeles mill csir il għonk, u chemm ġabar oħrajn, li chiecu ma chienx hu, chienu jintilfu. Sa 'l ħżiena chienu iħobbuh; u meta da'l kassis chien jidher x'imchien, colħadd jilkgħu u jisimgħu. Malli Dun Anton lemaħ kuddiemu il mastru Pepp, billi chellu naschja tajba, xamm malajr x'giebu għandu ; u għalhecc lakgħu bill ferħa collha, daħħlu f'camartu u karru.

Minn dac il ħin, dac il mastrudaxxa ħass f'kalbu titnissel paci u barca liema bħalha. Kâm minn riġlejn

Dun Anton, sejjer itir bil ferħ, u kâl li dic il krara li għamel chienet uilditu mill ġdid. U tasseu li tbiddel għall collox; għax, m'hux biss li katt ma fettex il ħanut iżjed; imma, katt iżjed ma raġa jinfexx jidgħi u jitchellem ħażin bħall kabel. Erħilu, malli jarfa ix-xogħol, għall cnisja, jinviżta il Sídna Gesù u igħid l'użariu. Coll nhar ta Sibt ikerr, u coll nhar ta Ħadd jitkarben. M'hemm bżonn ngħidu li mal għakal beda ix-xogħol, u max-xogħol il kliegħ ucoll. Oh, ir-Religion chemm tisua biex tarmi il paci u is-sabar, il barca u 'l gîd fil klûb u fid-dâr ucoll!

Catarin ma damitx ma ndunat li żeuġha tbiddel; imma, billi ma chienitx tâf bil krâr u it-tkarbin tiegħu, ma setgħetx tfisser din it-tibdila collha. Il għakal, imma, ta żeuġha ma chienx kiegħed jagħmlilha id-deni.

"Ara, x'hemm, mastru Pepp," kallu darba Pietru, x'ħin rah ħiereġ mill cnisja.

"X'hemm Piet! Côs, tâf li b'dic id-dakxejn ta chelma tiegħec għamiltli gîd m'hux ftit? Alla iħallsec, għax jien ma nafx chif."

"Issa, m'intix sejjer aħjar f'saħtec, f'ruħec, f'darec, f'uliedec?..."

"U ngħid, Piet; u tant inħossni ferħan li nixtiek ma nâf x'nagħmel biex nara il colħadd igħix ta nisrani. Jien ma nafx xi ħmerija hi dic li x'uħud iridu idaħħlu f'râs il bniedmin li tista tgħix fil hena bla ir-Religion!"

"Jien tâf x'ingħid, li uakt is-slaleb, jecc ma is-sabbrecx ir-Religion, tfittex xi sûr jeu xi *revolver*."

"Daksħecc hu! Mîn jâf chemm il darba għaddhietli minn rasi dil biċċa!"

"U uliedec, x'aħbarhom ?"

"Uliedi, sejjrin tajjeb seuua ; ġurnata aħjar mill oħra. Chemm għamluli gîd uliedi ! ankas huma ma jafu x'gîd għamluli."

"U Catarin ?"

"Xi trid ingħidlec, Piet ? Għâdha bħall kabel ; meta nara il marti il cnisja, nista ingħid li ma jonkosni xejn. Nittama li mad-dumx, uliedi għâd ibiddluha, bħall ma biddlu lili. Fejn tâf chemm kegħdin jitolbu ; uaħħlu f'rashom li fl'euuel tkarbina tagħhom, jiena u ommhom għandna nitkarbnu magħhom."

"M'hux li chien ! Alla jismagħhom sgur !"

"Hecc nitma jien. Saħħa, Piet."

"Saħħa, u kauui kalbec."

---

## VII.

## L'euuel Tkarbina.

Sgur li ħadd ma nesa il jum li fih tkarben l'euuel darba. Jecc f'ħajjitna collha, għaddejna siegħa tajba, dac inhar li tkarbin'na l'euuel darba ! Fraħna tasseu, għax conn'na ilna nistenneu li igħadduna għall precett. Dan il ħsieb, chemm għamlilna gîd ! Meta il bichi għafsilna kalbna, meta spallejna ġarrbu ittokol tas-salib, meta ħbiebna ħalleuna jeu biegħuna, u ħatteu colma conn'na bnejna f'kalbhom biex jimleu kalb ħaddieħor għalina, it-tifchira ta l'euuel tkarbina, ġagħlitna ninseu collox, collox għaddielna u mâr ! U il bichi, u is-slaleb, u il ħbieb karrieka ħadniehom biċ-ċajt. Ah, dic il pircissioni minn San Ġagbu għall San Ġuann, b'dauc it-tfâl bil midalja li ma ninseuha katt !

U din il ġurnata hecc sabiħa chienet rieska ġmiela: Ciccu u Manueli għoddhom uaslu biex jitkarbnu għall euuel darba. Jecc il Frères jaħdmu iżżejjed biex it-tfâl jitrabbeu seuua u jitgħallmu igibu ruħħom seuua ma Alla u man-nies, u icunu jistgħu bil għakal tagħhom jakalgħu biċċa ħobż, għalihom u għall nieshom; inħallicom taħsbu x'jagħmlu biex iħejjuhom seuua għall euuel tkarbina; issa billi ifissrulhom it-tagħlim nisrani, u il cobor tal ħaġa li sejjrin jagħmlu, u issa ucoll billi ftit ġranet kabel jiġbruhom jisimgħu il chelma t'Alla u inaddfu ruħhom bi krara tajba.

U it-tfâl ta mastru Pepp, imrobbijin mill Frères, imħeggin tit-tagħlim tagħhom, nistħajjilcom taħsbu chemm għamlu biex jitħejjeu seuua għall euuel tkarbina. F'dauc il ġranet li moħħom mimli biss b'dac li sejjrin jagħmlu, u li f'kalbhom ma chellhomx xeukat oħra ħlief li jilkgħu il Gesù, chienu saru donnhom żeuġ Anġli tas-Sema.

Côs, chemm huma ixxurtiati it-tfâl, li jitħajjru jagħmlu seuua l'euuel tkarbina u jifhmu scont il għakal ta sninhom dic l'euuel żiara li is-Sultan tas-Sema u ta l'art jagħmlilhom fid-duejra ta kalbhom! Oh, chemm gîd u barca ixerred fukhom Alla l'imbierec dac il ħin! Gîd u barca li jisueulhom ħafna għall dac li irid igħaddi minn għalihom.

Meta, ta insara li aħna, inħarsu lejn it-tfâl, chemm daun jidhrulna cbar u sbieħ u ta mîn jagħmel għalihom collox biex jibkgħu tajbin! Chif nistgħu katt nitilkuhom ueħidhom? Chif ma niġux misħutin jecc natuhom xi għajn ħażina u ngħallmuhom il ħażen?

U meta narauhom sejjrin jitkarbnu u niftacru chif Gesù sejjer ipaxxihom bil Gisem u id-Demm tiegħu il

għażiż, ma inħossux f'kalbna xiħaġa li iġġagħalna, lil dauc it tfâl żgħar u ħeluin, dejjem nixtekulhom jibkgħu safjin u sbieħ kuddiem il għainejn t'Alla? Ma nixtiekux, li chiecu jista icun, inkegħduhom taħt bozza biex it-trâb tal ħażen ma igħabbarhomx u ir-riħ tad-dinja ma inixxifhomx? Dan ħassejtu jien, ħassejnih ilcoll, coll meta iltkajna mat-tfâl sejrin jagħmlu l'euuel tkarbina. U dan ħassejnih fuk it-tfâl tal għâni u tal fkîr, il għaliex kuddiem Alla ma hemmx cbir u żgħir, għâni u fkîr, sabih u icreh; imma, aħna ilcoll uliedu u Cristu niżel għall colħadd. U ħassejnih ictar għall ulied il fkîr, għax daun, billi actarx jiggerreu mitlukin għar-rieħhom, ictar jinħtegilhom mîn jieħu ħsiebhom.

Ħarsu lejn ulied mastru Pepp; x'chien isir minnhom chiecu il Frères ma ħadux ħsiebhom? Chiecu missierhom ma samagħx minn Pietru il ħaddied, ma chienux jitħassru għall collox? Imma, għax samagħ minnu, u għax il Frères ħadu ħsiebhom, telgħu bil għakal; u l'euuel gîd li għamlu, għamluh ma missierhom u ommhom. U jecc daun iż-żeuġt aħua minn mindu daħlu għand il Frères dejjem giebu ruħhom tajjeb u imxeu il kuddiem ġurnata aħjar mill oħra, f'dauc is-sitt gimgħat li chien fadal biex jagħmlu l'euuel tkarbina kagħdu hecc seuua li la il Frères ula nieshom sabu igħidu fukhom xiħaġa. Lejliet, imbagħd, dac il għors, uara li kerreu, marru dritt lejn id-dâr, ħsiebhom biss biex l'għada jilkgħu seuua il Gesù f'sidirhom.

B'din l'imgiba hecc tajba tagħhom, rattbu ucoll l'egħbusija t'ommhom, li ma setgħetx ma tidħolx fiha infisha, u tara b'għainejha u tmiss b'idejha, chif fejn

hemm ir-Religion, jinsâb ucoll il prapost, il għakal, is-sabar u 'l ferħ. Għax, mîn daħħal f'dic id-dâr il paci? mîn rażżan il żeuġha? mîn gieb ix-xaba' minn f'loc il ġuħ u 'l fakar? m'hux euuilla ir-Religion?

Mela, dic il-lejla, daun iż-żeuġt aħua, uara li kalu it-talb ta filgħaxija, kabel xejn ma marru jorkdu, inxteħtu f'riġlejn missierhom u ommhom, talbuhom il maħfra ta coll ma chienu għamlulhom u ta coll ragħxa li tauhom, u 'l barca tagħhom ucoll, biex ictar icunu jistgħu jitħejjeu seuua għat-tkarbina tal għada. Mastru Pepp, b'kalbu maksuma, berichom u talab l'Alla li dauc iż-żeuġ xitljet isiru siġar li jatu frott tajjeb; u l'omm ucoll refgħet îdha u talbitilhom missema coll barca "*Fl'Isem tal Missier, u ta l'Iben, u ta l'Ispirtu is-Santu.*" Uakt, imma, li chienet hecc tberirichom, rât chemm dac il ħin uliedha chienu aħjar minnha, u ħasset li hi għandha tagħmel bħalhom ucoll. Għaddeulha minn kuddiem għainejha ħmerijeitha collha, rât li jecc dari żeuġha chien taha għall isdingar u ħalla ix-xogħol, hi chella ħtija m'hux ftit u kalbha inkasmet, u meta għanket l'uliedha, uara li berchithom, minn għainejha beda nieżel imħallat maddmugħ tal ferħ, id-dmugħ ta l'indiema.

Minn dac inhar, Catarin bedgħet ħajja oħra.

Ma hemmx għalfejn ingħidu x'mitt sena chellhom Ciccu u Manueli, li jisbaħ l'għada, biex jaktgħu l'icbar xeuka ta ħajjithom. B'dan il ħsieb daħlu fis-sodda, b'dan il ħsieb rakdu u ħolmu li ittajjru il fuk, barra mid-dinja u li sabu ruħħom kalb biuda liema bħalha, f'nofs ta daul isbaħ minn dac tax-xemx, u f'dac iddaul rau itiru minn haun u minn hinn, ħafna ktajja ta tfâl libsin l'abjad, ta ġmiel liema bħalu, u daun it-

tfâl stiednuhom biex jittajjru magħhom u huma ittajjru u marru kuddiem tarbija riekda fuk id-deheb u 'l ġauhar, u tarbija hecc ħelua, u hecc sabiħa li malli rauha, kalulha: " Gesù, Gesù, chemm int ħelu!..." Stembħu it-tnejn ferħanin ser itiru u kalu lil xulxin il ħolma li ħolmu, raddeu is-salib, kalu it-talb ta filgħodu, u moħħom fil ħaġa li sejjrin jagħmlu, xiddeu il-libsa li xtralhom missierhom, u fl'imchien miegħu u ma ommhom marru il cnisja, mħejjin biex jilkgħu f'sidirhom il Gesù.

Il kuddiesa ħarget, u dac inhar kaddes l'Iskof, ragel xuejjaħ u ta kdusija liema bħalha. Meta uasal biex ikarbeu il dauc it-tfâl, chif chienu mixħutin kuddiem, dar lejhom u għamlilhom erba' chelmiet chif imiss; ma nistgħux ngħidu colma kâl, imma ankas ma nistgħu inħallu chif għalak il prietca tiegħu:

" Chemm hi cbira, uliedi," kalilhom, " chemm hi cbira ix-xorti li sejjrin icollcom minn haun u ftit ieħor! Is-Sultan tas-Slaten, Dac li ħalak mix-xejn is-Sema u l'art u colma jinsâb fihom, Dac li ħalak lilna ucoll, Dac li fdiena b'Demmu il għażiż, Dac li ġurnata għâd icun il ferħ tagħna ilcoll, gejj iżûrcom biex icun ichel tar-ruħ tagħcom. Jien nistħajjel li is-Sema collu kiegħed igħir għalicom, il għaliex intom iżjed ixxurtiati mill Anġli billi sejjrin tilkgħu f'sidircom il għaxka tas-Sema, il Gesù, Alla Bniedem.

" Uliedi, fhimtu xejn il cobor, il ġmiel, il għâna ta dan 'r-rigal? Ula intom ma tistgħu tifmugħ seuua, ula ebda maħluk ma jista ifissirulcom, għax il cobor, il ġmiel u 'l għâna ta dar-rigal, hu il cobor, il ġmiel u 'l għâna t'Alla, li hu f'collox bla kies.

" Aħsbu, li il kdusija ta bla tarf, dic il kdusija li

jissib in-nichet saħansitra fl'Anġli, gejja ficom! Għiduli; u x'għamiltu biex icollcom dic ix-xorti, biex takilgħu din il grazzia? Żammejtu il kalbcom dejjem safja, bħall ma chienet dac inhar tal Magħmudija? Mîn jâf chemm il darba, hux tasseu, uliedi, chemm il darba ittebbgħet bil ħtija! Ma dan collu, Alla l'imbierec, li hu tieba u ħniena ta bla tarf, m'hux biss ħafrilcom, imma gejj għandcom, irid jidħol f'sidircom, biex iħariscom Hu, ħalli tħobbu Lilu biss, ħalli iżjed toctru f'din l'imħabba, biex tcunu tifilħu tieħduha ma l'għàdu u tirbħuh, biex issiru kaddisin, ħalli ġurnata tmorru tgaudu lil Dac, li issa gejj fis-sider tagħcom, ichel u xorb tal Ħajja.

" Ersku, immela, il għaliex uasal il ħin li intom issiru ħaġa uaħda ma Gesù... Ersku b'fidi kauuija, b'kalb mixgħula bl'imħabba lejn Mîn ħalakcom. Malli Gesù jidħol f'sidircom, iftħulu il buieb collha ta kalbcom, ħalli Hu jidħol fiha, igħammar fiha, dejjem dejjem. Din l'euuel tkarbina tagħcom tbiddilcom il coll fih, biex f'coll ħîn ta ħajjitcom, coll uieħed minncom icun jista igħid: " Gesù hu collu chemm hu tiegħi u jiena collni chemm jien ta Gesù."

Uara daun il chelmjiet li harġu mill kalb, dauc ittfâl, u fosthom Ciccu u Manueli, telgħu jitkarbnu u hecc lakgħu f'sidirhom il Gesù.

Catarin li, bħall ma għidna ftit îlu, chienet uaħħlet f'rasha li tibda ħajja oħra, meta rât l'uliedha jitkarbnu, ħasset li dac il ħin chienu kiegħdin jitolbu għaliha, u bierchet is-siegħa u il ħin li uliedha daħħluhomlha għand il Frères, għax minn dac inhar xterdet il paci f'id-dâr u minn dac inhar ucoll bdiet it-tibdila ta żeuġha u tagħha.

Meta spiċċat il kuddiesa ta l'Iskof, it-tfâl semgħu ohra; mbagħd, tnejn tnejn, ħarġu mill cnisja u daħlu għand il Frères li chienu ħejjulhom il cafè bil ħalib, u ħelu u xi kàtra tajba li ma tagħmelx deni ucoll.

Peppu u Catarin ħalleu ucoll il cnisja u telku għall darhom, îd f'îd. Katt bħall dac inhar Peppu ma chien ra il martu hecc ferħana; u meta chellmitu, mistagħġba bil ġmiel tal festa, u kaltlu li il Ħadd li gejj tixtiek titkarben hi ucoll ma uliedha, Peppu ma felaħx iżjed, u fost id-dmugħ tal ferħ, kalilha:

"Ah! tasseu coss! li mîn isîb l'Alla, isîb collox: isîb il ferħ u 'l mistrieħ! X'ġurnata din chemm hi sabiħa; din il ġurnata magħżula mn'Alla, biex iferraħna bil għeġubijiet ta l'imħabba tiegħu."

Il Ħadd li giè, Catarin, fl'imchien ma żeugħa u ma uliedha, resket titkarben.

Ma hemmx għalfejn ngħidu li dac inhar ta l'euuel Tkarbina ta Ciccu u Manueli, f'nofs inhar, il mejda iżżejjnet seuua, u Pietru il ħaddied chien mistieden ucoll. U sata' jonkos li ma jistiednuhx? M'hux bil chelma tiegħu li din il familja inġabret u li il paci t'Alla xterdet fukha?

---

## VIII.

## Il harba.

Pietru il ħaddied, dac inhar ried igħaddiha ma mastru Pepp u ma uliedu, għax daks chemm feraħ meta ra il għakal uara il ħmerijiet, u 'l bnazzi uara il maltemp, ma riedx jillarga minn dic id-dâr; u għalhecc, uara il għàsar, raġa għad-dâr ta ħabibu, fl'imchien ma uliedu.

Catarin u żeugħa m'humiex ħlief jiżżuħajr l'Alla u ibiercu il Frères; u Ciccu u Manueli jitħaddtu collha mixgħulin fuk iż-żiara li chellhom filgħodu. Donnu li f'dic id-dâr katt ma chienet tħauudet il paci; ma dan collu, sentejn kabel, ma contx tisma' ħlief ġlied u dagħa. Ħadd ma chien jobsor li is-socor chellu jispiċċa, li il ġugħ u 'l fakar chellu jinkered. Dauc it-tnejn minn nies, Peppu u martu, li ma chienux jistgħu jarau il xulxin bla ma jitkagħbdu u jatu u jitgħajjru, mîn katt chien jobsor li chellhom jidbiddlu u isiru jinħabbu tasseu?

Din it-tibdila ħadd ma satagħ jagħmilha ħlief ir-Religion li daħlet f'dic id-dâr ma Ciccu u ma Manueli. Din chienet li xerdet il paci u 'l ferħ f'dauc iż-żeuġt iklub, li kabel ma għarfu x'tisua ir-Religion, chienu imnicctin u iddisprati.

Dan collu li għedna, chien kiegħed igħaddilu minn moħħu lil Pietru, uakt li bilkiegħda bejn it-tfâl; u billi Catarin ratu issummat u le ma jitchellem, staksietu jecc chellux kalbu seuda.

"Lè," uiegibha l'ieħor, "m'inhiex nitħaddet, għax kiegħed niftacar f'biċċa li ġrât lili; ngħidhielcom, għax ma tistagħx tagħmlilcom deni.

"Għandcom tcunu tafu, li jien ma tuelidtx haun; missieri, Alla itih il Genna, chien scarpan, ragel tajjeb u jibża mn'Alla. Billi ma tantx chellu mnejn, chien jaħdem bla nifs, u jistinca sħiħ, biex irabbi seuua lili u il ħuti: conn'na erbgħa. Għall euuel, smajt minnu; u mita inħares lejn Ciccu u Manueli, niftacar chemm cont hieni meta cont dakshom. Ma domtx uisk hecc. Għamiltha ma uieħed ġâr tagħna, tifel imħassar u li ħassar lili ucoll! Bdejt biex ma 'rridx nâf b'ġabra

u bi cnisja; lil missieri u l'ommi, deherli li għandi immexxihom jien u li ma għandix nokgħod għalli igħiduli; bedgħet toħroġli xi chelma ħażina, bdejt noħodha magħhom... biex nakta fil kasir, tħassart għall aħħar!

" Missieri u ommi, meta indunau il marda mnejn chienet gejja, ma ħalleunix nagħmilha iżjed ma dac it-tifel; imma, il marda chienet daħlet il geuua, u xejn ma iuitîc l'issodd li stanjata meta il cafè icun tbidded u xtered. Għall chemm missieri chien b'erba' għainejn fuki, biex ma niltakax ma sieħbi, jien cont b'seba' għainejn ucoll, biex meta nagħmilha miegħu, ma jakbadnix. Jaħasra, chemm bdieli għax ma smajtx minnu!... Jien u sieħbi, chelna xi tmintax il sena fl'agħar tagħna; mela, hu ma bediex jimlieli moħħi, li jecc inħalli dâr missieri incun aħjar, li ħadd iżjed ma jaħchem fuki, li incun nista nagħmel li irrid, u x'nâf x'kalli? Għall euuel, ma kesthom xejn daun il cliem tiegħu; imma, għid u gîb mîn igħid, fl'aħħar ftehimna li għandna nitilku flimchien, fejn gieb u laħak.

" F'id-dinja," chien igħidli dac l'imbierec, " f'id-dinja, meta ma taktagħx kalbec, colfejn tmur, issîb il darec, colfejn tmur issîb il ħobż u x'tilbes; id-dâr tgħodd biss għall mîn hu ta bla ħîla."

" Jien, għalavvolja cont nâf li cliemu chienu kegħdin jagħmluli id-deni, u ħsara cbira, ma dan collu, ma nafx x'chelli għalih, cont imsaħħar għall urajh, li katt ma merejtu f'xejn; u billi cont hecc imtajjar u sfrattat, ma ħuti katt ma kbilt, u x'aħna nidduelleu u ta sicuit nitgħajjru, niggieldu u natu. Darba uaħda, tajna b'is-sħiħ, għall ftit u xejn ma għelejtx; għax, f'is-saħna, chiecu ma żammeunix, Alla jâf x'cont

nagħmel! Dac inhar filgħaxija, għidt lil missieri li ġo daru ma 'rridx nokgħod iżjed, li is-sengħa tiegħu ma'ddokklix, li ma 'rridx nicser għonki: f'chelma uaħda, l'irrid immur fejn jidhirli, u ngħix chif idokkli.

" Ibni," kalli missieri, uakt li sfâr bħall karsa tax-xamagħ, " jecc ma irnixxejtx chif xtaktec, m'hix ħtija tiegħi, għax minn għalija għamilt chemm stajt u actar milli stajt, biex toħroġ bil galbu. Fettillec tħallini? ma nżommocx; biss, ħaġa nitolboc, la iġġagħalx il missierec ġurnata jistħi minnec."

" Daun il chelmiet, is-sfura ta missieri, chisruli kalbi, u chemchemm ma raġagħx bdieli; ix-xitan, imma, kajjem ġlieda oħra bejni u bejn ħuti, kbadt ħuejjġi u tlakt il barra. Hecc chif ħriġt minn dâr missieri, bchejt, għax, għalchemm, l'ix-xiħ tiegħi cont nħobbu; giè x'kalli: "Arġa l'ura, u itolbu maħfra!" Ħassejt mîn igħidli ucoll: " Ma tarax? mela ħutec tridhom jidħcu bîc? Issa la tlakt, tlakt!" U jien mort fejn chien kiegħed jistennieni sieħbi, biex nitilku flimchien.

" Kegħdin tistagħġbu bija, uliedi," kâl Pietru lil Ciccu u il Manueli, " u għâdcom ma tafux chemm kiegħed imbati, biex ingħidilcom il ħmerijiet ta tfuliti; imma, dac li ġrali mfħabba in-nukkas tal għakal u mfħabba dac sieħbi li ħassarni, nittama li għâd jisuielcom. Arau chemm intcom kegħdin titrabbeu tajjeb issa, u chemm Alla l'imbierec beric'com; jecc intcom, imma, ma tissuctaux tgħixu chif kegħdin igħallmucom, u ma tisimgħux minn niescom, ma tcunu katt henjin, ma icollcomx ħlief dmugħ u nichet u suied il kalb... Mela, fejn uasalna? Iva, għidtilcom li

mort sibt il sieħbi; meta dan rani kalbi seuda u għainejja ħomor, beda jidħac bija, igħaddini ta tifel, ta bla ħîla u x'nâf jien. Biex nurih li jien cont rageł daksu, għidtlu: "Morna?" "Morna!" uiegibni hu.

"U tlakna. Chemm cont iblah!

"Imxi u gîb mîn jimxi, issa nieclu taħt xi sigra, u bil-lejl norkdu fejn insibu; uara tlet ijiem li dòmna nimxu, ma chienx fadlilna bejnietna it-tnejn sitt ħabbiet. X'nagħmlu? Fejn norkdu? U x'ser nieclu? Il ġugħ u il ħsieb ta dac li għâd jigi fuki, ġagħalni nidħol fija in-nifsi, dort lejn sieħbi u għidtlu li sejjer infittex xi scarpan biex nidħol miegħu.

"X'inhù?" kabeż hu; "aħna ħallejna lil niesna biex mbagħd nirtabtu mal barranin? Jecc trid tmur taħdem int, mur għall xogħloc, jiena ma irridx incun ilsir ta ħadd. Ħalli f'idejja u târa chif biex nieclu ma għandniex għax nitjassru."

"Irġajt smajt minnu, u bdejna biex flimchien, ma xi erba' oħra tal katgħa tagħna, nagħmluha ta reffiegħa fli stazion tal vapur ta l'art. Conn'na nakalgħu chemm ma immutux bil ġugħ. Meta chienet tigi xi ġurnata tajjba, minfloc ma naħsbu nfaddlu xi sold, erħilna filgħaxija intajjru collox f'ix-xalar.

"Smajt li miet missieri, u bchejtu ħafna; u 'l meut tiegħu, għâdha bħal xeuca tniggiżni sa 'llum, għax sgur li mfħabba fija miet kabel il uakt. Giè x'kalli: "Aħarbu il sieħbec"; imma, ma nafx il għala, bkajt imuaħħal miegħu!

"Għadda ftit taż-żmien ieħor, u sieħbi beda jatiha għad-disculagini, ictar minn kabel. Jiena ma ngħidx li cont aħjar minnu; imma, meta rajtu mâr il baħar għall collox, stħajt nagħmilha miegħu iżjed, u bdejt

miscartah, sachemm ħallejtu għall collox. Issa, il ħelua, irrid niecol; il sieħbi cont ħallejtu, ta maduar li stazion chienu jafu dauc ir-reffiegħa x'lokma chienu, chemm chemm ma ktajt kalbi; il Bambin ried, li sibt uieħed ħaddied li żammni miegħu. Chelli xi għoxrin sena. Bil ftit il ftit, tgħallimt naħdem xi ħaġa, u billi fi żgħoriti trabbejt tajjeb, l'imgiba tajjba ta l'imgħallem tiegħi bedgħet taħdem fija ucoll. Ftaħt moħħi, irzittajt għax-xogħol, ħallejt il ħuienet, bdejt infittex il cnisja, u sibt ruħi hieni u fil paci.

" L'imgħallem, billi rani bil għakal, u l'is-sengħa kbaddtha seuua, irħieli collox f'idejja, għarrasni lil bintu, bħall ma xtakt jien, u illum ninsabu jiena u ommcom ingħejxu b'ix-xogħol ta idejja u b'id-daksxejn li ħallielha missierha uara meutu.

" Din hi li storia tiegħi; fadalli, imma, biċċa oħra biex nuricom fejn il vizzi iuassluh il bniedem.

" Cont ili li iżżeuiġt dauc is-stentejn: il sieħbi, minn mindu ħallejtu, la katt cont rajtu iżjed, u ankas smajt bih. Darba fost l'oħrajn, meta mort id-dâr, marti kaltli li fl'isptâr jinsâb uieħed marid jixtiek ichellimni. Mort minnufih, tajt in-numru li kaltli marti, u ħaduni fejn is-sodda ta uieħed magħlub u gismu collu piaga uaħda. Għall euuel ma għaraftux; fejn katt stajt nobsor li dac il marid chien sieħbi ta dari?

" Piet," kalli meta rani kuddiemu, " rajt fejn chelli nasal? Aħfirli... "

" Ma tchellemx iżjed; berrak għainejh, u uakt li cont sejjer inuieġbu biex ingħidlu xi chelma għall gîd ta ruħu, insibu mejjet! Chemm rajt bid-dieher li d-dnub jekirdec kabel il uakt; u li il vizzi itemmûc!

" Hriġt mill isptâr donni uieħed iblah. Dauc il għai-

nejn imberkin fuki, ma ninsihom katt; dic il meut hecc-cherha, dejjem kuddiemi, tfaccarni li chienet tmiss lili, ucoll, chiecu ma biddiltx ħajjti."

Haun Pietru ma tchellemx iżjed, u, għall xi ftit, ankas ħadd ma tniffes, għax li storia tiegħu u 'l meut ta sieħbu, chienu laktu il colħadd.

U din il meut, u din li storia, hi li storia u 'l meut m'hux ta uieħed biss, għax m'hux uieħed biss, iżżun-żunjat minn sħabu il ħżiena, sâb ruħu bħall Pietru, u m'hux uieħed biss li uebbes rasu fil ħażen u 'l vizzi, spiċċa ħajjtu kasir il għomor, micul b'mard l'actar icrah u mokżies!

Imma, nerġgħu għall għand mastru Pepp.

Chelma uara l'oħra, il ħin li colħadd imur jistriħ, chien uasal, u Pietru kâm biex jinfired minn ħbiebu.

"Piet," kallu mastru Pepp, meta ħâdlu b'idu, "jecc illum kiegħed tarana ilcoll miġburin fl'akua tal ferħ tagħna u tal paci, cûn âf li nafuh lilec; int, int sal-vajtna b'dic il chelma li cont għidtli, meta iltkajt miegħec dac inhar. Ma nafx chif nibdeu inħallsûc! Oh, chemm tasseu hu iblah, mîn jaħseb li bla Religion jista icun cuntent! Illum nista ingħidu dan, illum imdauuar b'uliedi, b'marti, ilcoll ferħanin, għax ilcoll għamilna id-dmîr tar-Religion tagħna! Meta conn'na sdingati f'ruħna, id-dâr chienet sdingata, aħna conn'na niggieldu, u'l paci ma conn'niex nafu x'inhi u fejn hi! M'hux tasseu, Catarin? m'hux tasseu uliedi?"

"Iva, daks hecc hu!" uieġbu dauc.

"Pepp, il lejl it-tajjeb."

"Il lejl it-tajjeb, Piet," kabżu l'oħrajn ilcoll flim-chien, "u Alla iħallas lilec u 'l Frères tal gîd collu li għamiltu magħna."

## Issa chif spicciat ?

Chif chella tispiċċa ? m'hux tajjeb, euuilla ?

Mastru Pepp, baka' jaħdem u imur il cnisja ; meta chiber u ma felaħx għax-xogħol, hu reħa collox f'idejn ibnu Manueli, li sâr jinkala' daksu. Catarin ucoll dejjem bil għakal, saret il mara tad-dâr, miġbura, iddur ma żeuġha, dejjem lventa, taħseb f'collox.

Minn dac inhar ta l'euuel tkarbina ta Ciccu u Manueli, katt ħadd ma samagħ ħosshom u colħadd baka' ifaħħarhom.

Issa, nistħajjilcom tgħiduli : għaliex mastru Pepp reħa collox f'idejn Manueli ? m'hux Ciccu chien il cbîr ?

Iva ; b'dakshecc ? Jecc Ciccu mâr sâr Cabuccin, satagħ katt jagħmilha ta mastrudaxxa ?

Mela sâr Cabuccin ?

Xi erba' snîn uara li chien għamel l'euuel tkarbina (u minn dac inhar, ma għaddiex Ħadd li ma tkarbinx), beda iħoss ruħu imħajjar jitlak collox u iservi l'Alla, barra m'id-dinja.

Il għaxka tiegħu il cnisja, it-talb u il ġabra. Ma cont tarah ma ħadd ħlief mas-surmast tiegħu, Fra Ġusepp, jeu jagħmel xi daura żgħira sa 'l Cunvent tal Cabuccini, li chien hemm fil krîb.

Meta kâl l'ommu u lil missieru li Alla kiegħed isejjaħlu għall patri, ma ngħidilcomx li ma għeleux li jitilfuh ; imma, billi l'imħabba lejn Alla chienet fihom l'euuel u l'akua ħaġa, biercuh lil Ciccu b'idejjhom it-tnejn, u m'hux biss rauh jieħu il-libsa ta San Frangisc, imma rauh ikaddes ucoll; u fl'euuel kuddiesa tiegħu, tkarbnu mn'idejh.

U dan il gîd collu mnejn gejj, m'hux minn dakxejn ta chelma?

***

Semmejna il Frères u il gîd li jafu jagħmlu; mîn jixtiek jâf xiħaġa fukhom, jista jakra il Ħajja ta San Giuan Battista de la Salle, fundatur tagħhom, li miġuba bil malti m'is-sur Fons Galea (mżejjna bi tnejn u tletin stampa), u li issibu minnha għand il Frères ta tas-Sliema u ta Bormla fejn għandhom schejjel li dejjem gejjin il kuddiem u li bihom jagħmlu ħafna gîd.

I T-T M I E M.

# IR-RIZK U 'L HENA

Ir-Riżk, stħajjluh għandur b'il-lbiesi ilellxu fuku, ġauhar mdendel ma għonku, jilmau b'id-deheb subajh. Chien deħel il Belt, riecheb fuk żiemel il ġmiel tiegħu, iħares l'haun u l'hinn ; bħalchiecu, tâf, ħares lejja u la tmissnix ! Fil ħin ltaka' mal Hena, dieħla kajla kajla mill bieb il geuua, bil mixi, b'ħàtar f'îdha. Chien għâdu tlugħ ix-xemx, u ir-raba iħaddar u il ħxejjex igħannċu bil katriet tat-tìra.

" X'hemm, xbint ? Fejn sejjra għodu għodu ?" staksieha ir-Riżk.

" Sejjra ndur daura mal belt ! " ueġbitu il Hena bil ħleuua, bla ma xejn ħadithа bi cbira li ir-Riżk deherlu li hu xiħaġa tal għageb, mfħabba il ġauhar u id-deheb li micsi bihom.

Ir-Riżk kammeż iż-żiemel, biex il ġauhar u id-deħeb li fuku jilmau f'ix-xemx b'it-tixjir tiegħu, u fetaħ fommu jiftaħar billi għadda minn għalih. Iżda, billi il Hena xejn ma staksietu fejn chien sejjer, għamel il buri, u b'xoffa mdendla ġmiela, kabad ighemghem :

" Għaliex, xbint, xejn ma staksejtni fejn sejjer ? "

Ueġbitu il Hena :

" Biex ngħidlec chif inħossha, ma għaddelix minn moħħi li nistaksîc : ħsibt u rajt, li aħjar nilħak għasti, bla ma nicser râs ħaddieħor ! "

" Imma, collu uieħed, ser ngħidlec : sejjer inuassal il gîd lil xi nies li huma għall kalbi."

" Iva ?... Iżda, chif feħsiebec tagħmel mingħajri ? " staksietu il Hena bi tbissima fuk xoftejha.

"Jakau, int ser taħseb li in-nies ma isibux xortihom, billi int titbiegħed minnhom?" ried jâf ir-Riżk.

"Naħseb u nâf tajjeb li mingħajri ebda ferħ ma iseħħ!" kalet il Hena.

"Tridx nagħmlu mħatra li itemm mingħajrec?" kabad igħid b'is-saħna ir-Riżk.

"Chif trîd, mela; nagħmluha l'imħatra?" uieġbet il Hena.

"X'nagħmlu mħatra?" kabeż dlonc l'ieħor.

U il Hena minnufih kaltlu:

"Għall darba li darba, kassam il gîd tiegħec lil mîn jistħokklu."

"Imma jecc titlef l'imħatra?... Għax, coss! m'intix ser tirbaħ, tâf!"

"Nara chif nagħmel u nxerred il hena fejn int tcun għamilt xi bluha minn tiegħec!" kalet il Hena.

"Int ta rasec, xbint, u ħażin taħbat miegħi bil għerf tiegħec collu, ħà! ħà! ħà!" beda jiddieħec biha ir-Riżk.

Bakgħu, mela, deħlin il Belt; u il Hena ma stagħġbitx ftit x'ħin târa ir-Riżk jiekaf kuddiem dâr li hi chienet tafha seuua. Fiha chienu igħammru tnejn minn nies, li oħtha, l'Imhabba chienet ndehset magħhom u fejn hi, żmien îlu, issabbret ucoll. Iżda, mindu hi telket minn taħt dac is-sakaf, tkankal it-taħuid u nkala' il ġlied. Il mara, għax moħħa f'ix-xalar; ir-ragel, għax xeuktu li igħum fil għâna. Ix-xeuka tal uieħed u tal oħra bakgħu bla temma, għax collox chien sejjer l'ura; kliegħ xejn, u il fakar beda jagħmiżhom. Fl'aħħar, billi ma chenux jafu iżjed fejn jatu rashom, ħàsbu u rau l'ibiegħu il għamara collha u

isibu xortihom bil *Gogu del Lottu!* Ir-Riżk fetillu jiekaf magħhom u dehrilhom li katgħu sàndar: rebħu u rebħu seuua! Ir-Riżk żamm magħhom; xtrau u biegħu, u xtrau u biegħu, u il kliegħ dejjem dieħel u ir-riħ fil klugħ, u f'kasir żmien, m'hux li ma nakashom xejn, chellhom iżżejjed!

Dauc it-tnejn minn nies ferħu b'ir-Riżk chif rauh jiekaf fil bieb tagħhom, u ankas biss ma għarfuha il Hena, li chienet magenbu, billi chienet liebsa chif xierak, bla ebda tlellix u bla xejn dandin magħha.

" Mîn hi dic li miegħec, liebsa ix-xokka ta Malta? " stakseuh l'ir-Riżk dauc it-tnejn min-nies.

" Dic ?... Il Hena! " uegibhom il ħabib tagħhom, ir-Riżk, bi tmakdira.

" Xejn ma għandna x'irriduha dic ic-ceulieħa!... Din x'għandha x'taksam miegħec? Minn għalina, tista tmur issakki il ħjar tal Marsa u tinsatar bil bordi chemm tixtiek kalbha! Itlakha: dic xi tridha? Ħallieha tmur issabbar il fokra! "

" Milli ked nara, irbaħt, xbint! " dar ir-Riżk fuk il Hena u kalilha hecc chif tbegħdu minn dâr dauc il għonja. " X'jidirlec, oħti? Daun it-tnejn min-nies, chif int rajt b'għainejc u missejt b'idejc, daun ferħanin; għâd li miegħec xejn ma iridu icollcom x'jaksmu, ħejj! "

" Stenna dakxejn, u mbagħd narau! " kalet il Hena magħdura, għax rât li ma 'ddumx ma 'ddur ir-rôta. Trachec, issa, ejja miegħi! "

U ir-Riżk u il Hena ħarġu flimchien mill Belt u bakgħu sejjrin sa Għajn Tuffieħa sa ma uakfu f'nitfa ta għarix, xatt il baħar. Ir-Riżk samagħ xiħadd

igħanni, u ħâres geuua il għarix, u ra omm tbennen tarbija u żeuġt itfâl jilagħbu fuk il kiegħa.

Il Hena daħlet, u l'omm kamet tilkagħha u tistaksieha tistagħx tgħinha xiħaġa, għax għaliha għandha x'taksam ma xi fkajra.

" Mel'int, jaħasra, oħti, għandec mnejn tgħin'ni ? " staksietha il Hena.

" Għandna chemm niddubbau ġmielna. Żeugi sajjed, imur jistâd, jakbad kabda ħût, jieħodha is-sûk, li jakla igibu id-dâr... għaddejjin ġmielna ; u mill ftit li għandna, nilħku ma mîn hu ankas minn'na ucoll ! "

Ir-Riżk ma satagħ actar iżommha ġo fih :

" Itilku minn dal gorboġ u ejjeu miegħi ! " kabad igħajjat. " Ejjeu miegħi u tgħumu fil gîd u 'l għâna !"

L'imsejcna omm, mistagħġba, mbeżżgħa, ma fetħetx fommha. F'is-siegħa u 'l ħin, uasal żeuġha; u ir-Riżk dâr lejh :

" Ismagħ minni, ħija ! " kallu. " Ejja miegħi, ntîc colma tixtiek kalbec ! "

" Niżżichajr, ja sîdi ! Iżda, le ma nħalli il marti u l'uliedi. Jien m'jiena xejn... u actarx ankas ma kiegħed nifhem li trîd tfissirli. Imma, jien nħossni dejjem hieni, u nibża li ma nibkagħx bil gîd collu li ked tuegħidni ! "

" Ja żeuġ boloh l'intcom ! " kâl ir-Riżk ; u dauuar uiċċu u telak.

" Daun huma in-nies li kalbi nħossha miġbuda għalihom ! " ueġbitu il Hena bil ħleuua. " Daun tasseu li igħaddu ħajja tal hena ! M'hux dauc it-tnejn li int iżżomm magħhom."

" Le !... Le, narġa ngħid ! " kabad igħajjat ir-Riżk u iħabbat sakajh mal art.

" Minn haun u sena narau il xulxin... u mbagħd tcûn tâf tgħidli! U mbagħd, mîn jitlef, jaħtieġlu iħallas! "

U ir-Riżk richeb iż-żiemel u telak u mâr; u il Hena, kajla kajla, bil ħàtar f'îdha, dauuret uiċċha lejn ir-raħal tagħha u telket ucoll.

***

Sena uara, ir-Riżk u 'l Hena iltakgħu chif ftiehmu. Ir-Riżk uassal il Hena f'dâr cbira, sabieħa u ġdida, fejn chienu issa igħammru dauc it-tnejn min-nies li tafu bihom. Daħlu, u sabu il mara ueħidha, xuxitha maħlul u mħabbel, tibchi u tolfok.

" Għaliex kegħda tibchi? " ried jâf minn għandha ir-Riżk. " Ma tajtcomx għâna u gîd u colma ridtu? "

" Iva, iva, collu minnu!... Imma, żeuġi igħaddi il-lieli is-sħaħ mal ħbieb, bgħid mid-dâr. U jiena, uaħdi, chif tarani... Li għall'ankas chelli dakxejn ta tifel x'igħaddili iż-żmien, iderrili! "

" Daks chemm għandec gîd, x'jonksoc, oħti? " staksieha ir-Riżk.

" B'kalbi collha nħalli u nitlak chemm gîd għandi, biex narġa innissel f'kalbi il hena ta żgħuriti... jeu biex icolli tarbija x'inkandel fiha, mkâr jecc għaliha icun jaħtieġli naħdem lejl u nhar! "

Il Hena issa resket lejn dic il mara, u bil ħleuua collha kaltilha:

" Oħti, int darba bgħattni barra minn darec u issa ma nissograx ntîc li ma jistħokklicx. Iżda, le, la taktagħx kalbec. Għamel il gîd bil għâna li għandec; itlob l'Alla jaħfirlec ir-regħba tiegħec; u mita tcun ħennejt għall ħaddieħor, tarġa issibni miegħec!"

Fil għarix tas-sajjed, chienu għadhom igħixu fil gîd : il Hena, ankas nâf chemm raħħmitilhom, u b'għainejha jilmau bil ferħ ħarset lejn ir-Riżk, li baka' ħiemed.

Uara li tbegħdu mill għarix tas-sajjed, fuk gebla, f'xatt ir-ramla, in-naħa tal Puales, semgħu daħca ta tarbija, u jilmħu l'Imhabba. Mbagħd jisimgħuha tgħid, u tidħac u tidħac :

" Ir-Riżk tilef l'imħatra ! Ir-Riżk tilef xortih ! Mingħajri, hija, mingħajri u mingħajr il Hena, il ħajja m'hix ħajja, iżda suied il kalb ! Mingħajrna, ja Riżk, il gîd u 'l għâna tiegħec, icarcru il bniedem fil għâli, jisħtulu ħajjtu ! "

" Din id-darba tliftha l'imħatra ! " kâl ir-Riżk ; u kalagħ ġauhra minn kaddu u tefagħha lil Hena. "Din għall dauc il ħbieb tiegħec ta Għajn Tuffieħa ! "

Ir-Riżk richeb u bilġri telak u għâb ; chien daħal il-lejl, u ħalla urajh bħall dija !

Il Hena bakgħet sejjra bil kajla il kajla, bil ħàtar f'îdha, liebsa il bordi, u tgħid bejnha u bejn ruħha :

" Coss, għajb li ir-Riżk ma nistagħx inżomm miegħu ! Tasseu li xejn m'hu ta chelmtu ! "

Alf. M. Galea.

# CHIF GIORG ZAMM CHELMTU

Snîn îlu, f'culleġġ fil belt ta Rouen, Franza, fost it-tfâl li chellhom jiersku għall Euuel Tkarbina, chien hemm tifel ta xi għaxar snîn, jismu Ġorġ. Dan it-tifel chien sabiħ, iħobb jitgħallem, tal għakal, iħobb jilgħab, iżda safi u tajjeb, kisuh anġlu jimxi fl'art. Chien jiersak ikerr coll ħmixtax, u lil Madonna chien iħobbha uisk. Mita uasal għall Euuel Tkarbina, dic ħrara miegħu! dic xeuka kauuija li jilka' ġo sìdru il Gesù!

"Sur Patri," kallu lejliet dac il jum, l'is-surmast li chien ucoll ikerr għandu. "Fiħsiebni inżomm għall dejjem l'ingravata bajda li għâda icolli f'għonki u nxiddha coll mita immur nitkarben, biex nibka dejjem niftacar li ma nagħmel katt dnub mejjet f'għomri. X'jidhirlec, sur Patri?"

"Trid tgħid li katt ma ixxiddha ħlief mita tersak titkarben, hux, Ġorġ?" staksih is-surmast.

"Iva, sur Patri, dac hu il ħsieb ta moħħi!" uieġbu Ġorġ.

Ħsibtha tajjeb uisk, ibni. Semmejtilha xejn l'ommoc fuk dan?" ried jâf is-surmast.

"Għâdni ma għidtilha xejn, sur Patri; imma, nsemmihulha il-lejla."

Omm it-tifel, mara seuua ħafna, għoġbitha din tal ngravata, u minn dac iż-żmien, Ġorġ baka' dejjem igibha f'għonku dic l'ingravata, coll mita jiersak għat-tkarbin mkaddes.

X'uħud minn sħâbu, ħabtu sejjrin jiddieħcu bih lil Ġorġ, l'actar mita beda jicber; għax dehrilhom li

bluha din tiegħu u bħalchiecu marbut bosta ma din l'ingravata. Iżda, colfejn chien imur, l'ingravata, dan it-tifel katt ma chien jitlakha urajh.

***

Mita Ġorġ laħak l'aħħar sena tal filosofìa, Franza u il Prussia tkagħbdu bl'icrah, u in-nies taż-żeuġ pajjiżi sabu ruħhom f'taħuida li ma bħalha. Ġorġ, li issa daħal f'it-tmintax il sena tiegħu, ħass ruħu jixtiek jidħol fir-riġmnet tal general de Charette (*jinkara' Xarett*) biex hu ucoll jagħmel dmiru għall ħelsien ta-pajjiżu mill għedeuua. Missieru ħallih imur jingaġġa suldat, u Ġorġ telak minnufih għal-riġment.

Fil cuartier, bħalma fil culleġġ, Ġorġ baka' dejjem iżomm kalbu safja, uakt li chien igib ruħu mill aħjar fost sħâbu collha : u coll gimgħa, mita jista, chien jiersak jitkarben.

F'Jannar tas-sena 1871, ħames mitt żuâv bagħtuhom jeħduha mal għedeuua fl'inħauui ta Mân: mal mitejn fosthom ħalleu ħajjithom f'din it-takbida: Ġorġ laktuh bil balla u ftit chien bakagħlu ħajja.

Middeuh fuk it-tiben ma sħabu, u lil Patri li resak ħdejh biex ikarru :

" Xejn ma nħoss f'ruħi li idejjakni, sur Patri : tkarbint il-bieraħ; minn għalija, haun jien biex nitlak, hecc chif Alla isejjaħli għall miegħu. Xtakt chiecu nitolboc tneuuilli mill barzacca l'użàriu, u l'ingravata il-bajda : dauc tifchira tal Euuel Tkarbina tiegħi ! "

Il kassis gebhomlu minnufih.

" Issa, jecc jogħġboc, chiecu tkegħidli f'għonki l'ingravata, trid ? "

U malli il kassis katagħlu xeuktu, Ġorġ kabad l'użariu f'îdu, u kâl lil cappillan:

" Issa nħoss ruħi mħejjiha għall Viatcu, sur Patri!"

Il kassis karbnu minnufih, u Ġorġ fetaħ fommu bi tbatija u b'lehen chemchemm jinstamagħ :

" Sur Patri, " kallu, " mita ncun mitt, jecc tista, icteb l'ommi li nibagħtilha din l'ingravata, li bakgħet safja, bla ebda tebgħa, sa ma demmi xerridtu għall maħbuba Franza tiegħi ! "

Ftit uara, Ġorġ miet. Il cappillan bagħat lil ommu l'ingravata bajda chif xtâk binha, u chitbilha li mal aħħar nifs tal għomor tiegħu, żdied kaddis ieħorma dauc tas-Sema.

---

# Quatre-Vingt-Quatorze

Cherrettun, mgħobbi għall aħħar, ueħel f'nofs ta triek imuegħra u collha tjun. Il burdnar, daks ġorf u kauui seuua, beda jagħmel colma deherlu biex jieħles ir-roti: jigifieri, dakkiet ta frosta fuk rcubtejn iż-żuiemel, dagħa ta Torc, cliem maħnuk u iuaħħxec! Imma, iż-żuiemel bakgħu ma setgħux imorru il koddiem, donnhom imuaħħlin mal art! Il burdnar beda ichejjlilhom dakkiet mill eħrex, u il ħalf beda joħroġ bħall xmara minn ħalku: u iħabbat b'sakajh, uiċċu aħmar nâr, l'abjad ta għainejh imerżak b'id-dagħdiegħa, xuftejh koħol.

Dac il ħin nzerta għaddej kassis minn hinn, ragel dħuli, uiċċu daħcani: dan ħass kalbu tingħafas jisma dac id-dagħa minn fomm uieħed nisrani.

" Ħija, " kallu lil burdnar b'leħen ħelu. " Xejn ma naraha cbira l'int ma tistagħ tagħmel xejn mal bhejjem... Teħux għalija jecc nistaksic intix nisrani, int."

" Minn għalija nisrani! " uieġbu ir-raħli itemtem.

" Cont ser jaħbat igħaddili minn moħħi l'int insejt, x'ħin smajtec... tifhimni, hux? għax chiecu ma contx tkagħbar l'isem t'Alla, chif cont ked tagħmel b'iddagħa tigħec. Tridni ntîc dakka t'îd, ħija ? "

Il kassis resak magenb iż-żuiemel, u il burdnar reġa jilagħbilhom bla ħniena; u billi id-drauua il ħażina għelbitu, raġa kabad iżarżar ucoll ma coll dakka!

" M'hux hecc, ħija! Hecc neħlu! " kallu il kassis b'leħen ħelu. " Hecc ma nagħmlu xejn! "

" Xort'oħra il bhejjem ma jifhmunix! " uieġbu l'ieħor.

" Ħallini nara ftit!" kallu il kassis.

Il burdnar żarżar uaħda taħt snienu, u uarrablu. Il kassis ħa il frosta f'îdu, u beda ifakkagħha bla ma imiss iż-żuiemel, u b'leħen għali igħajjat : "Kûmu, *Quatre-vingt-quatorze !*" (*Chelma franciża, li tinkara' "Catrvencatorż" u jigifieri erba' u disgħin*). Ħaġa tal għageb : dic is-siegħa, mal ħaġra it-tajn ! Iż-żuiemel minnufih refgħu riġlejhom, u il cherrettun żakżak u tħarrec : ftit uara, ir-roti nkalgħu m'it-tajn, u iż-żuiemel bdeu mexjin; u il kassis u il burdnar magenbhom isukuhom.

"Fhimtha issa, hux, ħabib," kallu il kassis, hua u iroddlu il frosta, bi tbissima li ma bħalha ; "fhimt, hux, li taħbat bosta aħjar mita issicchet fommoc. L'actar, biex tħarrec il-lsienec, għid xi chelma li tcun, imma m'hux daugħa : fakka il frosta fl'ajru, u m'hux le fuk rcubtejn iż-żuiemel, u hecc ula tcun casbart l'isem t'Alla u ankas tcun ħkarthom iż-żuiemel u tara li jimxulec."

"Tafu xejn mîn chien dan il kassis ?"

"U fejn tridna naktgħu ?"

"Dac chien Dun Bosco ! Fuk il gîd li għamel f'għomru, nistħajjilcom krajtuh fin-Nru. 25 tal "*Cotba tal Mogħdija taż-Żmien*" bli stampi. Issa kiegħed jinchiteb ctieb ieħor fuk Ulied Dun Bosco f'Malta, u fih issibu bosta ħuejjeġ li ma issibuhomx fil Ctieb in-Nru. 25. Dan il ctieb l'ieħor icollu bosta stampi ucoll, bil ħsieb li jibka b'tifchira ta mita nfetaħ tas-Sliema l'Oratoriu għat-Tfâl.

Il 15 ta Auuissu 1908.

Alf. M. Galea.

# UERREJ

## MASTRU PEPP.


Chelmtejn kabel ... ... ... ... Faċċ. 3
I. Il ġlieda ... ... ... ... „ 5
II. Chelma tajba... ... ... ... „ 7
III. Fra Giusepp ... ... ... ... „ 10
IV. Li scola tal Frères... ... ... „ 13
V. X'tagħmel l'imgieba it-tajba ... „ 17
VI. Fil cnisja ... ... ... ... „ 22
VII. L'euuel Tkarbina ... ... ... „ 26
VIII. Il ħarba ... ... ... ... „ 32
— Issa chif spiċċat ? ... ... ... „ 39


ŻIEDA.


Ir-Riżk u 'l Hena ... ... ... ... „ 41
Chif Ġorġ żamm chelmtu... ... ... „ 47
Quatre-Vingt-Quatorze ... ... ... „ 50
Dac li jidher u isir fil Biedja ... ... „ 53

# DAC LI JIDHER U ISIR FIL BIEDJA*

JANNAR (31 Jum)

*(Ix-xahar tal bard)*

TRAHHAS—il nespli, il-leuż, il ħarrub, iż-żagħrun is-sebuka.

Tiżhar—il-leuż, il clîl, il-lumi.

Issajjar—il-larinġ portugall, il-larinġ kares, il-lumi.

Tinża'—il pumacannella.

Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Jinżara—il chemmun, il ħaxixa tar-rmied, il għadż, it-tomnija, il ħleuua tar-Rumanja.

Titħauuel—il patata tas-sajf minn ta barra, il basal.

Jitnakka'—il fûl, iż-żaragħ, it-teum.

Jinkata'—ix-xgħir li jitħalla għall żeuġ uċuh.

Tinġabar—il patata tax-xitua.

*Fir-raba' sakui u fil gonna*

Jinkata'—il kasab.

Jinżara'—il-leuż, ir-ravanell, it-tuffieħ t'Adam.

Jinżabru u jitlakkmu—id-duieli, u is-siġar collha tal frott irkiek, u tal ħalib.

Jitħauulu—id-duieli, il kasab, it-tût, il frauli.

KUIEL

Uara il Hamiem ibża għall art
Għax it-tagħfiġ igibilha bosta mard.
Is-sajf f'Jannar, għana tal fkir, u tal bidui.
Meta Jannar tarah leuuieni
Ma tarax il bidui tant hieni.

---

* Dan il *Calendariu tal Bidui* ħargitu sittin sena ilu (1849) is-*Società Economico-Agraria tal Gżejjer ta Malta*. Dejjem aħjar li uieħed jarġa igibu f'uiċċ l'ilma!

FRAR (28 jeu 29 jum)

(*Ix-xahar tal gelbin*)

Traħħas—l'għanżalor, ic-cipirsc, iż-żorba, il bamja, il banana, it-tuffieħ ta Belludja, ir-rummien, il bżar aħdar, il kasab, il prajjin.

Jiżhar—il berkuk, il frauli, iż-żnuber, ir-rand.

Issajjar—il-lumicel, li xcomb, il piżelli, il fûl bicri.

Jinża—il cappâr.

Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Tinżara—it-tomnija muaħħra, il chemmun, il patata u it-tabac.

Jitnakka—iż-żaragħ, il fûl muaħħar, il chemmun bicri, il patata.

Jinħarat—ir-raba' għall koton, u għall bħajra.

Tinħasad—is-silla, u il uidna għall aħdar.

Titbejjet—il patata ta Gerusalemm.

*Fir-raba' sakui*

Jinżara—il karatuil, il kar'aħmar, il bżâr aħdar, il bringiel.

KUIEL

Frâr fauuar—Tal bidui għana id-dâr
Fix-xahar ta Frâr—Jinchixfu l'egħuar.
Meta Frâr icun fauuar—F'dakka il biedja tmur fl'itjar.

---

Il kuiel huma actar antichi mill Calendariu ta 'llum, li chien magħmul mill Papa San Ghirgor il Cbîr. Bejn daun il calendarji hemm tlittax il ġurnata; jigifieri, meta icollna tlittax m'ix-xahar, fl'antic chien icun l'euuel tax-xahar, għaldakstant iż-żmenijiet imsemmija fil kuiel, għandhom jiftiehmu tlittax il ġurnata uara.

## MARZU (31 jum)

*(Ix-xahar tar-raħs)*

Iraħħas — berkuk xandri, spràġ, cappàr, bajtar, ħauħ, clìl, rand, żnuber, lanġas, dielja, pumacannella, tût, 'xcomb, praijin, ħarrub, patata ta Gerusalemm, koton.

Tinżara—lumi tal curuna, larinġ, rand, fomm il-lip, lanġas, toffiħ ta Belludja, uidna, praijin, silla, xgħir, palm.

Issajjar—lumi, fûl, piżelli.

### Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Tinżara'—il ħleuua, il ħaxixa tar-rmied, it-tomnija, il pitravi, il fażola, il kamħ-ir-rûm, il bħajra, il koton, il ġolġlien.

Jitnakka'—il cromb, il chemmun, il ħleuua.

*Fir-raba' sakui u fil ġonna*

Jinżara'—il-larinġ, ic-citrat, l'ananass, il ħabak, il bżar aħdar.

Jitgħarras—il bringiel.

Jofkos—id-dûd tal ħarir.

### KUIEL

Meta jidher il busuf, u il farfett jibda jittajjar
 L'art tcun saħnet, u l'uċuh takbeż collha nuar.
Marzu bl'ilma xebgħan,
 Italla cbir, u gozz icbar icun ta tgħam.
Ix-xita fi ħruġ Marzu u dħul April,
 Għall bidui hi carru deheb fìn.

### TUISSIJA

Iż-żabra tas-siġar taż-żebbuġ ma għandhiex issir kabel ma jibda jagħmel il frott. Din iż-żabra għandha tingħamel coll erba' snîn; u fiha għandhom biss jinkatgħu friegħi niexfa, u dauc li huma żejjdin għall frott, u li jilkgħu ix-xemx. Sena kabel din iż-żabra, għandhom jitbażżru.

## APRIL (30 jum)

(*Ix-xahar tan-nuar*)

Traħħas—iż-żinżli, it-tût, il geuż, iż-żebbuġ, it-toffieħ ta Belludja, ic-cirasa, il bajtar tax-xeuc, il pistacci.

Tiżhar—il bkajla, il praijin, il basal, iż-żebbuġ, is-sebuka, li sfargel, il patata, il kakoċċ, ir-rommien.

Issajjar—il frauli, il nespli, it-toffieħ t'Adam, il ġolbiena.

Jinża—il-larinġ.

### Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Jinżara'—il koton, il ġolġlien, id-dolliegħ, il bittiħ, il kamħ-ir-rum, il cromb tal gidra, il bamja, il bisbies.

Jinżabar—il koton.

Jinkata'—il bisbies.

Tinħasad—is-silla għan-niexef.—Is-silla maħsuda, titħalla tinxef fl'art, u coll tant titkalleb: meta tinxef, tirtabat kattiet, u tinbenha ħallel fuk l'art, jeu fuk li biut.

Tinkata'—is-silla, il uidna, il fûl.

Tinkala'—il patata.

*Fir-raba' sakui*

Jinżara'—il kara aħmar, il cromb, il pastard, il bżar aħmar.

Jitgħarras—il ħabak, il karatuil.

Jinkalgħu—ir-rius tat-teum.

In-naħal jibda jersak biex jofroħ.

### KUIEL

Kotna tal moħriet
  Aħjar minn għaxra tal bejtiet.
Bil complament tajjeb t'April
  L'uċuh collha takbeż, u ittir.
Uara san Marc
  Ix-xita nâr fl'art.

MEJJU (31 jum)

( *Ix-xahar tal ħsâd* )

Jiżhar—iż-żinżel, il basal, il għosfor, id-dielja, ir-rignu, il bajtar tal India, il cappar, il pumacannella. Jissajjar—ix-xgħir, iż-żorba, il fażola, il-leuż, il cromb, il berkuk, ic-ciċarda, ic-cirasa, il chemmun, il ħjar, it-toffieħ t'Adam, il kara tuil, ic-ciċri, il cosbor.

Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Jinżara'—il koton fir-raba tafli.

Jinġama'—il chemmun.

Jinħasad—ix-xgħir.

Tingħamel—il kigħa.

Jinderes—ix-xgħir.

*Fir-raba' sakui, u fil ġonna*

Jitgħarras—il bringiel, il bżar aħdar, il bżar aħmar, il ħabak, il kara franciż.

Tirmonda—id-dielja.

Jingħażku—l'agrumi.

KUIEL

Mejju ħobż u sicchina,
Għaliex minn collox jibda jatina :
Mejju bla riħ,
Il biedja bla tifriħ.
F'Mejju—aħsad, mkar chien plejju.

It-taħuil tas-siġar hua ta gîd cbîr lil pajjiż: iżda, l'acbar gîd hua l'ilma li is-siġar jiġbdu fuk l'art fejn jinsabu is-siġar : fi Franza, l'ajru chien bil bosta actar leuliemi u kalil fi żmien is-sultan Ġuliu Cesri, meta l'art chienet micsija b'bosta siġar : l'Italia chienet actar chiesħa, iżda chellha actar xita' kabel ma kalgħu il-boschijiet tal Germania. Fl'Egittu, mîn chien jâf biha ix-xita, kabel Meħmed Alì ma ħauuilx siġar bla kiès ? Nagħmlu bħalma għallmuna l'oħrajn, u xita icollna għar-raba' tagħna ucoll.

ĠUNJU (30 jum)

( *Ix-xahar tad-drîs* )

Traħħas—il nespli.

Tiżhar—il ħleuua, il mertkux, il għajnbakar, iż-żinżel, ir-rommien, ir-rignu.

Issajjar—l'armarena, ic-cirasa, il kamħ, il pitravi, il bajtar ta san Ġuan, it-tût, id-dolliegħ, il-lanġas, il ħleuua, il figel.

Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Jitħauuel—il pastard kalb il koton u il bħajra.

Jitnakka' } il koton.
Tirmonda }

Jinħasad } il kamħ.
Jinderes }

Tinkala'—ir-rius tal basal, u il patata.

*Fir-raba' sakui, u fil ġonna*

Jinżara'—it-tût, ic-ceusi, il corrât.

Jiddakkar—it-tîn.

Jinżabru }
Jitlakkmu } l'agrumi.
Jissakkeu }

Tinġabar—il fosdok tad-dûd tal ħarir, u il buttuni tal cappâr.

KUIEL

Tgħoddx tiegħec il ħleuua
Kabel ma tcun geuua ;
L'andar bil ħalel cbar
Jati lin-nies, u lil ħmâr.
Markad il mogħoż, ma teħux żbul;
Markad il bakar, jagħnik siġur.
Riħ ta siegħa
Inaddaf kigħa.

## LULJU (31 jum)

*( Ix-xahar tal għomma )*

Traħħas—il larinġ, is-sebuka, ir-rand, iż-żebbuġ, in-nanigħ, il ħarrub.

Jiżhar—il kamħ-ir-rûm, il ġolġlien, il koton.

Issajjar—il berkuk, il bettieħ, il-lanġas, it-toffiħ ta Belludja, il għajnbakar, il bringiel, il basal, il bajtar tax-xeuc, il praijin, il bżar aħdar, ic-cipirsc, it-torsin, it-tîn tal bajtar, l'insolja.

Jinza'—il leuż.

### Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Tinġabar—il ħleuua.
Tinkala'—il pitravi.
Jindakk—il għosfor.
Jindires—il kamħ.
Tinħarak—il ħaxixa tar-rmied.
Tinzara'—il uidna, u is-silla.

*Fir-raba' sakui, u il ġonna*

Tinzara'—il gidra, il cabocci, il pastard.
Jinġama'—il-leuż.
Jinkata'—Ix-xehdiet tal naħal.

### KUIEL

Ir-raba' ta fard għalla,
Għali b'xogħlu ;
Il csir fir-raba'
Hass fid-dâr.
Sajf mniddi,
Ħarġa mimlija.
Il koton ma jibżax mix-xemx il kauuija,
Jibża miċ-ċpar bosta, u mit-tniddija.

## AUUISSU (31 jum)

(*Ix-xahar tal frott*)

Iraħħas—ir-rignu, il kakoċċ, il merdkux, li xcomb.
Jiżhar—il għansar, il banana.
Issajjar—il bamja, il ħauħ, il għeneb, il kara franċiż, il gelleuż, il bżar aħdar, il ħarrub, il koton.
Jinża—It-tîn.

### Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Jitkacciat—il koton.
Titħauuel—il patata tax-xitua bil patata ta Malta.
Jibda il klib tar-raba'.

*Fir-raba' sakui u il ġonna*

Jissakka'—ir-rommien.
Jinżara'—il basal, il figel, il gidra.

### KUIEL

Ix-xahar ta Auuissu
  Is-sinjur u il fkîr iħissu.
Meta tisma' igħajjat il uerziek
  Tista tmur għall għeneb u it-tinjiet.
Sema nakxet il fekruna
  Jeu xita bil kliel, jeu riħ fortuna.

Billi aħna actarx ħfief mix-xita u ma tinżlilniex meta u chif jidhrilna aħna (għax, coss, jecc il vît chien f'idejna, mur ara x'taħuid!) ngħamlu bħall nannijietna, li ġarrbu dana ucoll, u chienu jiżirgħu fir-raba' bosta actar xgħir, inchella kamħ. Ix-xgħir, mbgħad, maktuh għall aħdar, chif jasal biex jobrom, dic is-sena' jarġa iraħħas, jiżbel u jati xgħir niexef chemm imissu jati, u xi drabi actar ucoll. Fis-sena' 1845-46, li chienet sena' tal għaċċ, ix-xgħir maħsud għall aħdar tà uieħed fis-sebgħa iżjed minn dac li ma chienx maħsud.

## SETTEMBRU (30 jum)

*(Ix-xahar tal għasir il għeneb)*

Traħħas—il palma, il basal, il clîl, ir-rand.

Tiżhar—il ħaxixa tar-rmied, il kasba, l'agavi, il gelleuż.

Issajjar—iż-żinżel, il geuż, il ħauħ isfar, il bergamott, ic-citrat, il ħabak, il ġolġlien, il cappâr, il ballut, li sprâġ, il għansar.

Jinża—it-tût.

Xogħol tal bdieua.

*Fir-raba' bagħli*

Taħrat u iddemmel ir-raba' taż-żrigħ.

Tinżara'—is-silla, il uidna, il ġolbiena, ix-xgħir, it-teum.

Titħauuel—il patata tax-xitua, il bajtar tax-xeuc.

Titgħarras—il gidra, il cauli-fiuri, il cabocci.

Jinġama—il biad, il ġolġlien, l'imżieuet tal kamħir-rûm, il bettiħ tax-xitua.

Jinħarat—il uerak tat-tîn.

*Fir-raba' sakui u fil ġonna*

Jinzara'—il crafes, it-toffieħ t'Adam, l'indivia, il figel, il ħass, il basal, il kakoċċ.

Jitħauuel—il basal taż-żagħfran.

Jinżabru—l'agrumi.

Jitlakkmu—l'agrumi u ir-rommien.

Jinkata'—il kara franciż misiur, u jitkiegħed fix-xemx.

## KUIEL

Il kamar ta Settembru
 Igib sebgħa urajh bħalu.
Ir-rìmi tal beruik, u it-teum safi f'uerku
 Sena' ta ebda taħsir.
It-tilkit tal koton ta San Michiel
 Jidħol bħall ieħor fil miżien.

## OTTUBRU (31 jum)

*(Ix-xahar taż-żriegħ)*

Traħħas—it-teum, il għansar, iż-żagħfran, il frauli.
Jiżhar—il ħarrub, il bisbies, il nespli.
Issajjar—il dielja, iż-żebbuġ, ir-rommien, il lanġas, ir-rand, il pumacannella, il pistacci, iż-żorba, li sfargel.
Jinża—il ħauħ, li sfargel, il lanġas, it-toffiħ ta Belludja, il geuż, il berkuk, iż-żinżel, iż-żorba.

### Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Taħrat u iddemmel ir-raba'.
Jinżara—ix-xgħir, il ġolbiena, il pizelli, ic-ciciarda, il fûl.
Jitħauuel—it-toffieħ t'Adam, il cromb tal gidra.
Jiddakkar—il ħarrub.
Jinġabar—il biad.

*Fir-raba' sakui*

Tinżara'—il bkajla.
Jitħauuel—iż-żebbuġ, li sprâġ, il kakoċċ.
Jinkala'—il corrât.
Jinkata'—il cannamieli, il kara franciż.
Jituieldu—il ħrief.

### KUIEL

Iż-żrigħ bicri, tista ticri,
Għall immuaħħar, icolloc tbaħħar.
Hu tajjeb li f'San Luka
Tgħub ġò iż-żara għattuka.
Meta jasal San Xmun,
Iżra, niexef jeu miblul.

NOVEMBRU (30 jum)

*(Ix-xahar ta inziegħ il uerak)*

Traħħas—il nespla.
Jiżhar—il pastard, il kakoċċ, iż-żagħfran.
Issajjar—il fom-il-lip.
Tinza'—id-dielja, ir-rommien, il pomacannella, il bżar aħmar, is-sebuka.

Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Jinżara'—il għosfor, ix-xgħir, il kamħ majorchin.
Jitħauuel—il basal, il patata tax-xitua.
Jinkata'—il bisbież.

*Fir-raba' sakui u fil ġonna*

Tinzara'—li zfunnarija.
Titħauuel—il caboċċi.
Jinżabar, u isir il porpajn tad-duieli, u tar-rommien.

KUIEL

La jasal San Nanard—Iżra f'coll art.
Is-sajf ta San Martin—il biedja tifraħ bih.
Il kamħ f'Santa Catrin—It-tiben, u it-tgħam jatini.
Sant'Andrija—nofs il Muna.

X'IRODDU IS-SIGIAR TAL-LEUŻ

Is-siġra tal-leuż tista tcun ta kligħ cbir, mîn jaħdimha. F'coll tomna raba' jistgħu jitħauulu 64 siġra, billi tkigħed coll kasbtejn uaħda: coll siġra tati frott, uieħed għall ieħor, uejba leuż ; għalhecc il 64 siġra jatu 16 il modd : coll modd leuż jittieħdu 64 ratal *intrita*; u hecc mis-16 il modd leuż jittieħdu 10 knatar, u 24 ratal: u xi snîn il prezz għâli! Il koxra tiegħu, imbagħd, tant ta geuua chemm ta barra, tisua il flûs ; il koxra ta geuua, ifittxuha għas-sapun, l'icun l'aħjar; il koxra ta barra isservi għan-nâr, u għall ifran. Mill kligħ biss ta daun iż-żeuġ qualità ta kxur, jitħallsu li spejjes collha tax-xogħol. Tasseu li trid mat-tminn snîn biex uieħed jibda jeħu il frott ; imma, f'daun it-tminn snîn, jistgħu, bejn is-siġar, jitgħamlu uċuh li trid ; u meta jicbru is-siġar tal leuż, tista, bejniethom, tagħmel issakui, u tħauuel id-duieli.

DICEMBRU (31 jum)

(*Ix-xahar tax-xita*)

Iraħħas—il busbież.
Jissajjar—il-lumi larinġ, il-larinġ mandarin.
Tinża—ic-cirasa, il pistacci, il cappâr, il koton.

Xogħol tal bdieua

*Fir-raba' bagħli*

Tinżara'—it-tomnija.
Jitħauuel—il basal, it-tîn.
Jinkala—il bisbież.

*Fir-raba' sakui u il ġonna*

Jinżara'—il-leuż, il bkajla.
Jitħauuel—il ħauħ, il għajnbakar, id-dielja, it-tofħiħ ta Belludja, il frauli.
Jitlakkam—il berkuk, il għajnbakar, ic-cipirsc fuk il praijin, il-lanġas fuk li sfargel.
Tinżabar—id-dielja.
Jintagħlef in-naħal.

KUIEL

It-tomnija ta disat ijiem
   Aħjar mill oħra bix-xita fit-tmiem.
Il Milied bil cappell, u il Għid bil mantar,
   In-nies tiecol tajjeb, u il bhejjem icolla x'tixtar.
L'aħħar tas-sena,
   Lil collħadd, j'Alla, gìd u hena.

Tuissija fuk il Kuiel

"Il ħajja tal bniedem fuk dina l'art hija kasira; dac li hu jista jitgħallem bi dmiru, chien icun uisk ftit, chiecu ma chienx jista, biex ngħid hecc, jired dac li ħaddieħor għaraf u sâb kàblu. Dana il uirt jinġabar fil cotba, jinġabar ucoll fil moħħ. Misserijietna għarfu jagħżlu il għerf tal għakal, tal ħajja u tas-seuua, tas-sengħa u tal biedja u ta mitt ħaġa—fi ftit cliem, għall actarx, mkabbel. Daun il cliem sejjħulhom *Kuiel*"—Akrau li chiteb Patri Manuel Magri, giżuita, fuk il *Kuiel*, jeu "*Il Għerf bla mictub tal Maltin*". Dan isibuh fil Cotba tal Moghdija taz-Zmien.

## Cotba tal Moghdija taz-Zmien

*ta Mons. Can. Teol. L. Vella DD.*

---

Nru. 65 BINT IL HACHEM
,, 69 NICOL GHABDUL *(L'euuel taksima)*
,, 70 NICOL GHABDUL *(It-tieni taksima)*

---

*Jinbieghu ghand Ġanni Muscat*
*18 Str. Mercanti, il Belt*
*u ghand Librari ohra u Hbieb tal Opra tal*
"COTBA TAL MOGHDIJA TAZ-ZMIEN"